KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.3.2008
KUMM(2008) 139 finali

2008/0057 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Fit-23 ta' Ottubru 2006 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, mar-Repubblika ta' l-Albanija sabiex tikkonkludi Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Fit-22 ta' Novembru 2006 u l-1 ta' Frar 2007 saru sessjonijiet ta' negozjati. In-negozjati komplew permezz ta' skambju ta' ittri fit-2 ta' April, fil-21 ta' Mejju, fid-9 ta' Lulju u fit-12 ta' Settembru 2007. Il-Protokoll ġie inizjalat mill-Kummissjoni u l-Gvern tar-Repubblika ta' l-Albanija fis-7 ta' Jannar 2008. It-test tal-protokoll inizjalat huwa mehmuż.

Il-proposti mehmużin huma għal (1) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll u (2) Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill għandu:

- jiddeċiedi dwar l-iffirmar tal-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha;

- jikkonkludi l-Protokoll f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni mill-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika. Din il-proposta għandha tiġi adottata mill-Kunsill flimkien mad-deċiżjoni li tikkonkludi l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjon u Assoċjazzjoni ma' l-Albanija.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar ta' Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), it-tieni sentenza ta' l-ewwel sotto-paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att meħmuż mat-Trattat ta' Adeżjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru 2006 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, mar-Repubblika ta' l-Albanija sabiex tikkonkludi Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn in-negozjati tlestew b'suċċess u fid-dawl tal-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha,.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-President tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuna(i) li jkollha/jkollhom is-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati membri tagħha, min-naħa l-waħda u r-Repubblika ta' l-Albanija min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, bil-possibbiltà li jkun konkluż fi stadju aktar 'il quddiem.

[1] ĠU C […], […], p. […].

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

2008/0057 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

dwar il-konklużjoni tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u b' mod partikolari l-Artikolu 310, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2), l-ewwel subparagrafu, u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidraw il-kunsens tal-Parlament Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi ... skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru…

(2) Il-Protokoll għandu jkun konkluż.

---

[1] ĠU C […] […], p.[…]
[2] ĠU C […] […], p.[…]

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

It-test tal-Protokoll jinsab anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandu jiddepożita l-istrumenti ta' approvazzjoni kif meħtieġ mill-Artikolu 11 tal-Protokoll. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jiddepożita dawn l-istrumenti f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

ANNESS

PROTOKOLL

tal-Ftehim ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma’ l-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRETTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħa l-'Istati Membri', irrappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, IL-KOMUNITÀ EWROPEA TA' L-ENERĠIJA ATOMIKA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunitajiet" rappreżentati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ewropea,

fuq naħa, u

IR-REPUBBLIKA TA' L-ALBANIJA

fuq in-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Istati Membri l-ġodda') ma' l-Unjoni Ewropea u b'hekk fil-Komunità fl-1 ta' Jannar 2007,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, fuq in-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'FSA') ġie ffirmat fil-Lussemburgu fit-12 ta' Ġunju 2006.

(2) It-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma'l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"Trattat ta' Adeżjoni") ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005;

(3) Skond l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni mehmuż mat-Trattat ta' Adeżjoni, l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fil-FSA għandha tkun maqbula permezz tal-konklużjoni ta' protokoll mal-FSA;

(4) Saru konsultazzjonijiet skond l-Artikolu 36(3) tal-FSA sabiex jiżguraw li f'dan il-Ftehim jitiqesu l-interessi reċiproċi tal-Komunità u ta' l-Albanija kif imfissra f'dan il-Ftehim;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TAQSIMA I

IL-PARTIJIET KONTRAENTI

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija għandhom ikunu Partijiet fil-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Albanija, min-naħa l-oħra, iffirmat fil-Lussemburgu fil-12 ta' Ġunju 2006 u għandhom rispettivament, bl-istess mod bħall-Istati Membri l-oħra tal-Komunità, jadottaw u jieħdu nota tat-testi tal-Ftehim, kif ukoll tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti u Dikjarazzjonijiet Unilaterali mehmuża ma' l-Att Finali ffirmat fl-istess data.

AĠĠUSTAMENTI FIT-TEST TAL-FSA INKLUŻI L-ANNESSI U L-PROTOKOLLI TIEGĦU

TAQSIMA II

PRODOTTI INDUSTRIJALI

Artikolu 2

L-Anness IV tal-FSA għandu jkun sostitwit bit-test ta' l-Anness I ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA III

PRODOTTI AGRIKOLI

Artikolu 3

Prodotti Agrikoli sensu stricto

1. L-Anness II(a) tal-FSA għandu jkun sostitwit bit-test ta' l-Anness II ta' dan il-Protokoll.

2. L-Anness II(b) tal-FSA għandu jkun sostitwit bit-test ta' l-Anness III ta' dan il-Protokoll.

3. L-Anness II(c) tal-FSA għandu jkun sostitwit bit-test ta' l-Anness IV ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 4

Prodotti tas-sajd

L-Anness III tal-FSA għandu jkun sostitwit bit-test ta' l-Anness V ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 5

Prodotti agrikoli proċessati

Il-Protokoll 2 tal-FSA għandu jkun sostitwit bit-test ta' l-Anness VI ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA IV

REGOLI TA' ORIĠINI

Artikolu 6

Il-Protokoll 4 tal-FSA għandu jkun sostitwit bit-test ta' l-Anness VII ta' dan il-Protokoll.

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

TAQSIMA V

Artikolu 7

WTO

Ir-Repubblika ta' l-Albanija timpenja ruħha li ma tressaq l-ebda pretensjoni, talba jew referenza u lanqas tibdel jew tirtira xi konċessjoni skond il-GATT 1994, l-Artikoli XXIV.6 u XXVIII dwar dan it-tkabbir tal-Komunità.

Artikolu 8

Provi ta' oriġini u kooperazzjoni amministrattiva

1. Il-provi ta' oriġini maħruġa kif suppost mir-Repubblika ta' l-Albanija jew minn Stat Membru ġdid skond ftehim preferenzjali jew arranġamenti awtonomi applikati bejniethom għandhom ikunu aċċettati fil-pajjiżi rispettivi, sakemm:

(a) il-ksib ta' l-oriġini jagħti trattament b'tariffi preferenzjali abbażi tal-miżuri dwar tariffi preferenzjali fil-FSA;

(b) il-prova ta' oriġini u d-dokumenti tat-trasport ikunu nħarġu mhux aktar tard mill-jum ta' qabel id-data ta' l-adeżjoni;

(c) il-prova ta' l-oriġini tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali matul il-perjodu ta' erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni.

Meta prodotti `jkunu ġew iddikjarati għall-importazzjoni fir-Repubblika ta' l-Albanija jew fi Stat Membru ġdid, qabel id-data ta' adeżjoni, skond ftehim preferenzjali jew arranġamenti

awtonomi applikati bejn ir-Repubblika ta' l-Albanija u dak l-Istat Membru ġdid f'dak iż-żmien, il-prova ta' oriġini maħruġa retrospettivament skond dawn il-ftehimiet jew arranġamenti tista' wkoll tkun aċċettata sakemm tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali f'perjodu ta' erba' xhur mid-data ta' adeżjoni.

2. Ir-Repubblika ta' l-Albanija u l-Istati Membri l-ġodda huma awtorizzati li jżommu l-awtorizzazzjonijiet li bihom ingħata l-istatus ta' "esportaturi approvati" fil-qafas ta' ftehimiet preferenzjali jew arranġamenti awtonomi applikati bejniethom, sakemm:

(a) tali dispożizzjoni tkun stipulata wkoll fil-ftehim konkluż qabel id-data ta' l-adeżjoni bejn ir-Repubblika ta' l-Albanija u l-Komunità; kif ukoll

(b) l-esportaturi approvati japplikaw ir-regoli ta' l-oriġini fis-seħħ f'dak il-ftehim.

Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jinbidlu, sa mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' l-adeżjoni, b'awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa skond il-kundizzjonijiet tal-FSA.

3. It-talbiet għall-verifika sussegwenti tal-prova ta' oriġini maħruġin skond ftehimiet preferenzjali jew arranġamenti awtonomi li saret referenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq għandhom jiġu aċċettati mill-awtoritajiet doganali kompetenti tar-Repubblika ta l-Albanija jew ta' l-Istati Membri għal perjodu ta' tliet snin wara l-ħruġ tal-prova ta' oriġini kkonċernata u jistgħu jkunu ppreżentati minn dawk l-awtoritajiet għal perjodu ta' tliet snin wara l-aċċettazzjoni tal-prova ta' oriġini sottomessa lil dawk l-awtoritajiet b'appoġġ għad-dikjarazzjoni ta' importazzjoni.

Artikolu 9

Merkanzija fi tranżitu

1. Id-dispożizzjonijiet tal-FSA jistgħu japplikaw għal prodotti esportati mir-Repubblika ta' l-Albanija lejn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda jew minn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda lejn ir-Repubblika ta' l-Albanija, li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 4 tal-FSA u li fid-data ta' l-adeżjoni jkunu fi triqithom jew maħżuna temporanjament, f'maħżen fid-dwana jew f'żona ħielsa fir-Repubblika ta l-Albanija jew f'dak l-Istat Membru ġdid.

2. F'każijiet bħal dawn jista' jingħata trattament preferenzjali, soġġett għas-sottomissjoni lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jimporta, fi żmien erba' xhur mid-data ta' adeżjoni, ta' prova ta' oriġini maħruġa retrospettivament mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li qed jesporta.

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

TAQSIMA VI

Artikolu 10

Dan il-Protokoll u l-annessi tiegħu għandhom ikunu parti integrali mill-FSA.

Artikolu 11

1. Dan il-Protokoll irid ikun approvat mill-Komunità, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri, u mir-Repubblika ta' l-Albanija skond il-proċeduri tagħhom stess.

2. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 12

1. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-istess jum bħall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, bil-kundizzjoni li l-istrumenti kollha ta' approvazzjoni ta' dan il-Protokoll ikunu ġew iddepożitati qabel dik id-data.

2. Meta mhux l-istrumenti kollha ta' approvazzjoni ta' dan il-Protokoll ikunu ġew depożitati qabel dik id-data, dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu ta' l-aħħar strument ta' approvazzjoni.

Artikolu 13

Dan il-Ftehim huwa miktub b'żewġ kopji fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża u Albaniża, b'kull wieħed minn dawn it-testi ugwalment awtentiku.

Artikolu 14

It-test tal-FSA, inklużi l-Annessi u l-Protokolli li huma parti integrali tiegħu, kif ukoll it-test ta' l-Att Finali flimkien mad-dikjarazzjonijiet annessi miegħu huma abbozzati bil-Bulgaru u r-Rumen u ż-żewġ testi huma t-tnejn awtentiċi bl-istess mod bħat-testi oriġinali. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova dawn it-testi.

ANNESS I

KONĊESSJONIJIET TARIFFARJI TA' L-ALBANIJA GĦALL-PRODOTTI INDUSTRIJALI KOMUNITARJI

(imsemmija fl-Artikolu 19)

Ir-rati tad-dazju se jitnaqqsu kif ġej:

– nhar l-1 ta' Jannar 2007, id-dazju ta' l-importazzjoni dazju għandu jitnaqqas għal 60% tad-dazju bażiku,

– nhar l-1 ta' Jannar 2008, id-dazju ta' l-importazzjoni dazju għandu jitnaqqas għal 40% tad-dazju bażiku,

– nhar l-1 ta' Jannar 2009, id-dazju ta' l-importazzjoni dazju għandu jitnaqqas għal 20% tad-dazju bażiku,

– nhar l-1 ta' Jannar 2010, id-dazju ta' l-importazzjoni dazju għandu jitnaqqas għal 10% tad-dazju bażiku,

– fl-1 ta' Jannar, 2011, id-dazji ta' importazzjoni li jkun fadal għandhom jitneħħew.

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
2501 00	Melħ (inkluż melħ tal-mejda u melħ żnaturat) u klorur tas-sodju pur, f'taħlita ta' ilma jew le jew li jkollu miżjudin aġenti għal kontra t-tagħqid jew li jitferraw b'mod liberu ilma baħar:
	–Melħ (inkluż melħ tal-mejda u melħ żnaturat) u kloridu tas-sodju pur, kemm jekk f'soluzzjoni ta' ilma jew jekk ikollu miżjudin miegħu aġenti biex ma jagħqadx jew aġenti lubrikanti u kemm jekk le
	Oħrajn
	Oħrajn
2501 00 91	–Melħ tajjeb għall-konsum mill-bniedem
2523	Siment ta' Portland, siment ta' l-allumi, siment li għandu mill-gagazza, siment sulfru eċċezzjonali u siment idrawliku simili, kemm jekk ikkulurit jew fil-forma ta' gagazza u kemm jekk le
2710	Żjut tal-pitrolju u żjut miksuba minn minerali tal-bitum, li ma humeix grezz; preparazzjonijiet mhux speċifikati x'imkien ieħor jew inklużi, li jkollhom fil-piż 70% jew aktar ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut li jirriżultaw minn minerali bitimużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparamenti; żjut skartati:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
	- Żjut tal-pitrolju u żjut miksuba minn minerali tal-bitum, li ma humiex grezz; preparazzjonijiet mhux speċifikati x'imkien ieħor jew inklużi, li jkollhom fil-piż 70% jew aktar ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut li jirriżultaw minn minerali bitimużi, meta dawn iż-żjut ikunu l-kostitwenti bażiċi tal-preparamenti, barra żjut għar-rimi:
2710 11	− − Żjut u preparazzjonijiet ħfief
	− − − − Għal skopijiet oħra:
	− − − − Spiriti speċjali:
2710 11 25	− − − − − Oħrajn
	− − − − Oħrajn:
	− − − − − Spirtu tal-muturi
	− − − − − − Oħrajn, b'kontenut taċ-ċomb:
	− − − − − − − Li ma jeċċedix 0.013 g kull litru:
2710 11 41	− − − − − − − − B'*octance nnumber* (RON) ta' anqas minn 95
2710 11 70	− − − − − Fjuwil tal-*jet* tat-tip spirtu
2710 19	− − Oħrajn:
	− − − Żjut medji:
	− − − − Għal skopijiet oħra:
	− − − − − Pitrolju:
2710 19 21	− − − − − Fjuwil tal-*jet*
2710 19 25	− − − − − − Oħra
2710 19 29	− − − − − Oħrajn

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
	− − − Żjut tqal:
	− − − − Żjut tal-gass:
2710 19 31	− − − − − Biex jiġu pproċessati bi proċess speċifiku
2710 19 35	− − − − − Biex iġarrbu trasformazzjoni kimika permezz ta' proċess minbarra dawk speċifikati għar-rigward ta' sub-intestatura 2710 19 31
	− − − − Għal skopijiet oħra:
2710 19 41	− − − − − − B'kontenut tal-kubrit mhux ogħla minn 0,05% tal-piż
2710 19 45	− − − − − − B'kontenut tal-kubrit ogħla minn 0,05% tal-piż iżda mhux aktar minn 0.2% tal-piż
2710 19 49	− − − − − − B'kontenut tal-kubrit mhux ogħla minn 0.2% tal-piż
	− − − − − Żjut tal-Fjuwil:
	− − − − Għal skopijiet oħra:
2710 19 69	− − − − − − B'kontenut tal-kubrit mhux ogħla minn 2.8% tal-piż
2713	Kokk tal-pitrolju, bitum tal-pitrolju u fdalijiet oħra taż-żjut tal-pitrolju jew żjut minn materjali tal-bitum
	− Il-Kokk tal-Pitrolju
2713 12 00	− − Kalċinat
2713 20 00	− Qatran taż-żejt minerali
2713 90	-Fdalijiet oħrajn ta' żjut minerali jew ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi:
3103	Fertilizzanti minerali jew kimiċi, nitroġeniċi:
3103 10	− Superfosfati

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
3304	Preparazzjonijiet għas-sbuħija jew għall-irtokk u preparazzjonijiet għall-kura tal-ġilda (minbarra medikamenti), inklużi prodotti għall-ħarsien mix-xemx jew preparazzjonijiet għas-sun tan; preparazzjonijiet għall-manikjur jew il-pedikjur:
	− Oħrajn:
3304 91 00	− − Trabijiet, (terer), ikkompressati jew le
3304 99 00	− − Oħrajn
3305	Preparazzjoni għall-użu fix-xagħar:
3305 10 00	− Xampujiet
3305 30 00	− Lakerijiet tax-xagħar
3305 90	− Oħra
3306	Preparazzjoni għall-iġjene tal-ħalq jew tas-snien, inklużi pejsts u terer għad-dentaturi; ħjut użati għat-tindif bejn is-snien (floss dentali), f'pakki individwali bl-imnut:
3306 10 00	− Dentifriċji
3307	Prodotti ta' qabel tneħħi l-leħja, preparazzjonijiet biex tneħħi l-leħja jew ta' wara li tneħħi l-leħja, deodoranti personali, preparati għall-banju, prodotti li jneħħu x-xagħar tal-ġisem u preparati oħrajn ta' fwieħa, kosmetiċi jew tal-banju, li ma huma speċifikati jew inklużi mkien ieħor; prodotti preparati biex ifewħu l-kmamar, sew jekk ikun fihom il-fwieħa jew le jew li jkun fihom disinfettanti:
3307 10 00	- Preparazzjonijiet għal qabel, waqt u wara t-tqaxxir tal-leħja
3307 20 00	- Deodoranti u preparazzjonijiet personali kontra l-għaraq
3401	Sapun; prodotti organiċi attiv fil-wiċċ u preparazzjonijiet biex jintużaw bħala sapun, f'forom ta' blokok, biċċiet, biċċiet mogħtija l-forma jew forom, sew jekk fihom is-sapun u sew jekk le; prodotti organiċi attiv fil-wiċċ u preparazzjonijiet għall-ħasil tal-ġilda, fil-forma ta' likwidi jew krema biex jinbiegħu bl-imnut, sew jekk fihom is-sapun u sew jekk le; karti, fuljetti tat-tajjar materjal li jixbaħ il-feltru u prodotti mhux minsuġa, mimlija, miksija jew miksija bis-sapun jew bid-deterġenti:
	- Sapun u prodotti organiċi b'wiċċ attiv u preparazzjonijiet, fil-forma ta' blokok, biċċiet, biċċiet mogħtija l-forma jew forom, u karta, fuljetti tat-tajjar, materjal li jixbah il-feltru u prodotti mhux minsuġa, mimlija jew miksija bis-sapun jew bid-deterġenti:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
3401 11 00	– –Sapun għall-użu tat-twaletta (inklużi prodotti medikati)
3401 19 00	– – Oħrajn
3401 20	– Sapun f'forom oħra
3402	Prodotti organiċi b'wiċċ attiv (minbarra s-sapun); Preparazzjonijiet attivi fil-wiċċ, preparazzjonijet għall-ħasil (inklużu preparazzjonijiet għall-ħasil awżiljarju) u preparazzjonijiet għat-tindif, sew jekk fihom is-sapun u sew jekk le, Minbarra dawk ta' l-intestatura 3401:
3402 20	– Preparazzjonijiet għall-bejgħ bl-imnut:
3402 90	– Oħrajn:
3402 90 10	– –Preparazzjonijiet attivi fil-wiċċ:
3405	Lostru u kremi, għaż-żraben, għamara, paviment, ix-xogħol tal-karozzi, ħġieġ jew metal, għaġna jew trab li jqaxxar u arranġamenti simili (sew jekk fil-forma tal-karta jew le, fuljetti tat-tajjar, ġild, materjal mhux minsuġ, plastik biċ-ċelel żgħar jew gomma biċ-ċelel żgħar, imħallta jew miksija b'dawn il-preparati), eskluż ix-xama msemmija fit-titolu Nru 3404
3405 20 00	– Lostri, kremi u preparazzjonijiet simili, għall-manutenzjoni ta' għamara, art jew xogħol ieħor ta' l-għuda
3405 30 00	– Lostri u preparazzjonijiet simili għal oqsfa ta' vetturi, għajr lostri għall-metall
3405 90	– Oħrajn:
3405 90 90	Oħrajn
3923	Oġġetti biex ikunu trasportati jew ippakkjar ta' oġġetti, tal-plastik; tappijiet, għotjien u tipi ta' għeluq oħra, tal-plastik:
3923 10 00	– Kaxex, kontenituri, ċestuni u oġġetti simili
	– Xkejjer u boroż (inklużi koni):
3923 21 00	– – Ta' polimeri ta' etilene
3923 29	– ─ Ta' plastiks oħrajn:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
3923 29 10	---Ta' poli(klorur tal-vinil)
3923 29 90	Oħrajn
3924	Oġġetti tal-mejda, oġġetti tal-kċina, oġġetti oħrajn tad-dar u tat-twaletta, tal-plastiks:
3925	Oġġetti tal-plastiks tal-bennejja, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:
3925 10 00	− Ġibjuni, tankijiet, btieti u kontenituri simili, li jesgħu aktar minn 300 litru
3926	Oġġetti oħrajn tal-plastiks u oġġetti ta’ materjali oħrajn ta’ titli 3901 sa 3914
4012	Tajers pnewmatiċi tal-lastku retreaded jew użati; tajers solidi jew kuxxin; treads jew flaps tat-tajers, tal-lastku:
	– Tajers ittredjati mill-ġdid
4012 11 00	– – Ta’ tip użat f’vetturi bil-mutur(inklużi station wagons u karozzi tat-tlielaq)
4012 12 00	– – Ta' tip użat f’karozzi tal-linja jew trakkijiet
4012 13 00	– – Tat-tip użat fl-ajruplani:
ex 4012 13 00	– – – minbarra dawk użati fl-ajruplani ċivili
4012 20 00	– Tajers pnewmatiċi użati:
ex 4012 20 00	– – minbarra dawk użati fl-ajruplani ċivili
4012 90	− Oħrajn:
4012 90 20	– – Tajers solidi jew kuxin
6401	Ilbies għar-riġlejn li minnu ma jgħaddix ilma bil-qigħan ta’ barra u l-uċuħ tal-lastiku jew tal-plastiks, li l-uċuħ tagħhom la huma mwaħħlin lanqas immuntati mal-qiegħ bi ħjata, imsiemer irbattuti (rivets), imsiemer, viti, tappijiet jew proċessi simili
6402	Ilbies ieħor għar-riġlejn b’qigħan ta’ barra u uċuħ tal-lastiku jew tal-plastiks

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
	– Xedd ieħor tas-saqajn:
6402 99	– – Oħrajn:
	– – – Oħrajn:
	– – Bl-*uppers* tal-plastik
6402 99 50	– – – – –Papoċċi u lbies tar-riġlejn ieħor ta’ ġewwa
6404	Xedd tas-saqajn bil-pettijiet tal-gomma, tal-plastik, tal-ġilda jew ta' kompożizzjoni tal-ġilda u bil-partijiet ta' fuq tal-ġilda:
	– Ilbies ieħor għar-riġlejn b’qigħan ta’ barra u uċuħ tal-lastiku jew tal-plastiks
6404 19	– – Oħrajn:
6404 19 90	Oħrajn
6404 20	–-Ilbies għar-riġlejn b’qigħan ta’ barra tal-ġilda jew kompożizzjoni tal-ġilda
6405	Xedd ieħor tas-saqajn:
6406	Partijiet tax-xedd tas-saqajn (inklużi l-partijiet ta’ fuq sew jekk imwaħħla mal-pettijiet taż-żraben u sew jekk le, minbarra mill-pettijiet ta’ barra); pettijiet ta’ ġewwa taż-żraben li jitneħħew (in-soles), kuxxini għall-għarqub (heel cushions) u oġġetti simili; gettijiet, għata tal-pexxun (leggings) u oġġetti bħalhom u bċejjeċ tagħhom:
6406 10	– Uċuħ u bċejjeċ tagħhom, għajr oġġetti li jwebbsu:
6904	Briks taċ-ċeramika għall-bini, blokki għall-art, madum għall-irfid jew għall-mili u oġġetti simili:
6905	Madum għat-tisqif, irjus taċ-ċmieni, għotjien taċ-ċmieni (cowls), kisi għaċ-ċmieni, tiżjin arkitettoniku u oġġetti oħrajn taċ-ċeramika għall-kostruzzjoni:
6907	Ċangaturi u paviment, madum għall-qigħan taċ-ċmieni jew għall-ħitan taċ-ċeramika mhux igglejżjata; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika mhux igglejżjata u bħalhom, fuq dahar ta’ rfid jew le
6908	Ċangaturi u paviment, madum għall-qigħan taċ-ċmieni jew għall-ħitan taċ-ċeramika igglejżjata; kubi tal-mużajk taċ-ċeramika igglejżjata u bħalhom, fuq dahar ta’ rfid jew le:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
7213	Biċċiet u vireg, imsaħħnau mremmbla, f'kojls mibruma b'mod irregolari, tal-ħadid jew ta' l-azzar li mhux liga:
7213 10 00	– Li fihom forom ta’ snien, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess ta’ l-irrumblar
	− Oħrajn:
7213 91	− − Oħrajn, b'sezzjoni trasversali tonda ta’ qies ta' anqas minn 14 mm fid-dijametru:
7213 99	− − Oħrajn:
7213 99 10	Li fihom bil-piż inqas minn 0.25% ta’ karbonju
7214	Staneg u vireg oħra tal-ħadid jew ta' l-azzar li mhuwiex liga, mhux iktar maħdum minn mikwija bis-sħana, irrumblati jew estrużi bis-sħana, iżda inklużi dawk milwija wara r-rumblar:
7214 10 00	– Iffurmati
7214 20 00	– Li fihom forom ta’ snin, kustilji, skanalaturi jew deformazzjonijiet oħrajn magħmulin waqt il-proċess ta’ l-irrumblar jew mibrumin wara l-irrumblar
	− Oħrajn:
7214 91	– B'sezzjoni trasversali rettangolari (imma mhux kwadra)
7214 99	− − Oħrajn
7306	Tubi, pajpijiet u profili vojta minn ġewwa oħra, (pereżempju, open seam jew iwweldjati, irrivettjati jew magħluqin b'mod simili, tal-ħadid jew azzar
	− Oħrajn, iwweldjati, ta' profil sezzjonali ċirkulari:
7306 61	– –Ta' profil sezzjonali forma ta' kaxxa jew rettangolari:
7306 69	− Oħrajn, iwweldjati, ta' profil sezzjonali mhux ċirkulari:
7306 90 00	− Oħra

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
7326	Oġġetti oħra tal-ħadid jew ta' l-azzar:
7326 90	− Oħrajn:
	– –Oġġetti oħra tal-ħadid jew ta' l-azzar:
7326 90 98	Oħrajn
7408	Wajer tar-ramm:
	−Ta’ ramm raffinat:
7408 11 00	− − Li l-qies massimu ta' wiċċ ta' qatgħa tagħhom jaqbeż is-6 mm
7408 19	− − Oħrajn
7413 00	Wajer bil-fili, kejbils, strixxi mmaljati u simili, ta’ l-aluminju, mhux iżolati elettrikament:
7413 00 20	−Ta’ ramm raffinat:
ex 7413 00 20	– –Minbarra dawk b'fittings magħhom, għall-użu f'ajruplani ċivili
8544	Wajer iżolat (inkluż wajer miksi bl-enemel jew anodizzat), kejbil (inkluż kejbil koassjali) u kondutturi elettriċi iżolati oħra, sew jekk iffittjati b’connectors u sew jekk le; kejbils ta’ fibra ottika, magħmulin minn fibri miksijin individwalment, immuntati b’kondutturi elettriċi jew mgħammrin b’ connectors jew le:
	– Wajer tat-tkebbib:
8544 11	− − Tal-kupru
8544 19	− − Oħrajn
8544 20 00	− Cable *coaxial* u materjal li jwassal l-elettriku ieħor li jkun *coaxial*
	− Kondutturi elettriċi oħrajn, għal vultaġġ ogħla minn 1 000 volts::
8544 49	− − Oħrajn:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
	− − − Oħrajn:
8544 49 91	Wajer u kejbils, b'wajers kondutturi individwali ta' dijametru ikbar minn 0,51 mm
	− − − − Oħrajn:
8544 49 95	Għal vultaġġ ogħla minn 80 V iżda inqas minn 1 000 V
8544 49 99	− − − − Għall-vultaġġ ta' mhux aktar minn 1,000 V
8544 60	− Kondutturi elettriċi oħrajn, għal vultaġġ ogħla minn 1 000 volts::
9403	Għamara oħra jew parti minnha:
9403 30	– Għamara ta' l-għuda ta' tip użat fl-uffiċċji:
9403 40	– Għamara ta' l-għuda ta' tip użat fil-kċina:
9403 60	– Għamara oħra ta' l-għuda:
9403 60 30	– –Għamara ta' l-għuda ta' tip użat fil-ħwienet

ANNESS II

KONĊESSJONIJIET TARIFFARJI TA' L-ALBANIJA

GĦAL PRODOTTI AGRIKOLI PRIMARJI

LI JORIĠINAW FIL-KOMUNITÀ

(imsemmija fl-Artikolu 27(3)(a))

(Bla dazju għal kwantitajiet mingħajr limitu)

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0101	Żwiemel ħajjin, ħmir, bgħula u bgħula ta' l-irkib:
0101 10	- Bhejjem tar-razza pura għat-tagħmir:
0102	Annimali bovini ħajjin:
0102 10	- Bhejjem tar-razza pura għat-tagħmir:
0102 90	− Oħrajn:
	Speċi domestiċi:
	– – – Ta' piż ta' aktar minn 80kg imma mhux aktar minn 160 kg:
0102 90 29	− − − − Oħrajn
0103	Ħnieżer ħajjin:
0104	Ngħaġ u mogħoż ħajjin
0105	Tjur ħaj, jiġifieri tjur ta' l-ispeċi Gallus domesticus, papri, wiżżiet, dundjani u farawni:
	– Li jiżnu aktar minn 185 g:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0105 11	– – Tjur ta' l-ispeċi Gallus domesticus:
0105 12 00	– –Dundjani
0105 19	− − Oħrajn:
	− Oħrajn:
0105 94 00	– – Tjur ta' l-ispeċi Gallus domesticus:
ex 0105 94 00	– – – Li jiżnu aktar minn 2,000 g:
0106	Annimali ħajjin oħra:
	–Mammali:
0106 11 00	— Primati
0106 19	− − Oħrajn
0106 20 00	–Rettili (inklużi sriep u fkieren ta' l-ilma)
	–Agħsafar
0106 31 00	—Agħsafar tal-priża
0106 32 00	− − Psittaciformes (including parrots, parakeets, macaws and cockatoos)
0106 39	− − Other
0106 90 00	− Other
0205 00	Laħam taż-żwiemel, tal-ħmir, tal-bgħula jew tal-bgħula ta' l-irkib, frisk, imkessaħ jew iffriżat:
0206	Ġewwieni li jittiekel ta’ annimali ta’ l-ifrat, ħnieżer, nagħaġ, mogħoż, żwiemel, ħmir, bgħula jew hinnies, imkessaħ jew iffriżat:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0206 10	– Ta' annimali ta' l-ifrat, frisk jew iffriżat:
0206 10 10	Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi
	– Ta' l-annimali ta' l-ifrat, iffriżat:
0206 29	– – Oħrajn:
0206 29 10	Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi
0206 30 00	–Tal-ħnieżer, frisk jew imkessaħ
	– Tal-ħnieżer, iffriżat:
0206 41 00	– – Fwied
0206 80	– Oħrajn, friski jew imkessħa
0206 80 10	Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi
0206 90	– Oħrajn, iffriżati:
0206 90 10	Għall-manifattura ta' prodotti farmaċewtiċi
0404	Xorrox, sew jekk konċentrat jew le jew li jkun fih iz-zokkor jew xi materja oħra ta' ħlewwa miżjuda; prodotti li jikkonsistu f'kostitwenti naturali tal-ħalib sew jekk ikun fihom iz-zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda jew le, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:
0404 10	– Xorrox u xorrox modifikat, sew jekk konċentrat jew le jew li jkun fih iz-zokkor jew xi materja oħra ta' ħlewwa miżjuda
	– – Fi trab, granuli jew forom solidi oħra:
	– – – Li ma jkunx fih zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda, b'kontenut ta' proteini (kontenut f'nitroġenu x 6.38), bil-piż:
	– – — B'kontenut ta' xaħam li , bil-piż, ma jeċċedix il-15%:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0404 10 02	Li ma jkunx aktar minn 1.5%
0404 10 04	----Li jkun aktar minn 1.5% iżda mhux aktar minn 27%
0404 10 06	Ta' aktar minn 27%
	– – – – B'kontenut ta' xaħam li, bil-piż, mhux aktar 15%:
0404 10 12	Li ma jkunx aktar minn 1.5%
0404 10 14	----Li jkun aktar minn 1.5% iżda mhux aktar minn 27%
0404 10 16	Ta' aktar minn 27%
0407 00	Bajd ta' l-għasafar bil-qoxra, frisk, ippreservat jew imsajjar:
	Tat-tjur:
	Għat-tfaqqis:
0407 00 11	Tad-dundjani jew tal-wiżżiet
0407 00 19	Oħrajn
0410 00 00	Prodotti mnissla mill-bhejjem tajbin għall-ikel, mhux speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor
0504 00 00	Imsaren, bżieżeq ta' l-urina u stonkijiet ta' l-annimali (għajr tal-ħut), sħaħ u biċċiet minnhom, friski, imkessħa, iffriżati, fis-salmura, imqadda jew iffumugati:
0601	Basal, tuberi, għeruq tuberużi, corms, crowns u riżomi, reqdin, jarmu jew bil-ward; pjanti taċ-ċikwejra u għeruq ħlief għeruq ta' l-intestatura 1212
0602	Pjanti ħajjin oħra (inklużi l-għeruq tagħhom), biċċiet u żabriet; rimja tal-faqqiegħ:
0602 10	– Tirqid u friegħi żgħar bla għeruq:
0602 10 90	Oħrajn

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0602 20	– Siġar, arbuxelli u buxxijiet, imlaqqma jew le, ta' tipi li jkollhom frott jew ġewż:
0602 20 90	Oħrajn
0602 30 00	– Rododendri u ażaleas, imlaqqma jew le
0602 40	Ward, imlaqqma jew le
0602 90	− Oħra
0701	Patata, friska jew imkessħa:
0701 10 00	– Żerriegħa
0703	Basal, shallots, tewm, kurrat u veġetali oħrajn tal-ġens tat-tewm, friski jew imkessħin:
0703 20 00	–Tewm
0705	Ħass (Lactuca sativa) u ċikwejra (Cichorium spp.), friski jew imkessħin:
	Ċikwejra:
0705 21 00	– – Ċikwejra Witloof (Cichorium intybus var. Foliosum)
0706	Karrotti, turnips (xorta ta' Brassica), pitravi għall-insalata, sassefrika, celeriac (xorta ta' krafes), ravanell u għeruq oħrajn simili tajbin għall-ikel, friski jew imkessħin:
0706 90	− Oħrajn:
0706 90 30	– – Horseradish (Cochlearia armoracia)
0708	Ħxejjex leguminużi, imqaxxrin jew bil-qoxra, friski jew imkessħin:
0708 20 00	– Ful (Vigna spp., Phaseolus spp.)
0709	Ħaxix ieħor, frisk jew imkessaħ:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
	– Faqqiegħ u tartufi:
0709 51 00	– – Faqqiegħ ta' l-ispeċi Agaricus
0709 59	– – Oħrajn:
0709 59 10	– – – Xantarelli
0709 59 30	– – – Faqqiegħ tat-tip *flap*
0709 59 90	Oħrajn
0711	Ħxejjex preservati qabel (per eżempju, b'gass sulphur dioxide, fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'soluzzjonijiet preservattivi oħra), iżda mhux tajba għall-konsum immedjat f'dak l-istat:
	– Faqqiegħ u tartufi:
0711 51 00	– – Faqqiegħ ta' l-ispeċi Agaricus
0711 90	– Ħxejjex oħrajn; taħlitiet ta' ħxejjex:
	Ħxejjex:
0711 90 10	– – – Frott ta' l-ispeċi Capsicum jew ta' l-ispeċi Pimenta, ħlief għal-bżar ħelu
0711 90 50	Basal
0711 90 80	Oħrajn
0712	Ħxejjex imnixxfin, sħaħ, imqattgħin, imfella, imfarrkin jew fi trab, imma mhux imħejjin aktar:
	– Faqqiegħ, wood ears (Auricularia spp.), jelly fungi (Tremella spp.) u tartufi:
0712 31 00	– – Faqqiegħ ta' l-ispeċi Agaricus
0712 32 00	– – Wood ears (Auricularia spp.)

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0712 33 00	– – Jelly fungi (Tremella spp.)
0712 39 00	– – Oħrajn
0713	Ħaxix leguminuż imqadded, maħruġ mil-fosdqa, sew jekk imqaxxar jew maqsum u anki jekk le:
0713 10	–Piżelli (Pisum sativum):
0713 10 10	Għaż-żriegħ
	– Fażola (Vigna spp., Phaseolus spp.):
0713 31 00	– – Ful ta' l-ispeċi Vigna mungo (L.) Hepper jew Vigna radiata (L.) Wilczek
0713 33	– – Fażola, li tinkludi fażola bajda tal-piżelli (Phaseolus vulgaris):
0713 33 10	Għaż-żriegħ
0713 40 00	– Għads
0713 50 00	– Ful (Vicia fabavar. Major) u horse beans (Vicia fabavar. equina u Vicia faba var. minor):
0713 90 00	– Oħra
0714	Manjoka, ararut, salep, artiċokks, patata ħelwa u għeruq simili u ħxejjex tal-basal b'livell għoli ta' lamtu jew inulina, friski , mkessħa, iffriżati jew niexfa, sew jekk mqatta' flieli jew fil-forma ta' pritkuni sew jekk le; Il-laħam tas-sago
0801	Ġewż ta' l-Indi, ġewż tal-Brażil u ġewż ta' l-anakardju, frisk jew imqadded, sewwa jekk maħruġ mill-fosdqa jew imqaxxar jew le:
	–Ġewż tal-Brażil
0801 22 00	– –Bla qoxra
0802	Ġewż ieħor, frisk jew imqadded, sewwa jekk maħruġ mill-fosdqa jew imqaxxar jew le:
	– Lewż:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0802 11	– – Fil-qoxra
0802 12	– –Bla qoxra
	– Ġewż:
0802 31 00	– – Fil-qoxra
0802 32 00	– –Bla qoxra
0802 60 00	– Ġewż tal-makadamja
0802 90	− Oħrajn:
0802 90 20	– –-Ġewż ta' l-areka (jew betel), kola u ġewż tal-pekan
0802 90 50	– –Pine nuts
0803 00	Banana, inklużi l-pjantaġġini, friska jew imnixxfa
0803 00 90	Imnixxfa
0804	Tamal, tin, ananas, avokado, gwava, mangu u mangostana, friski jew imqaddin:
0804 40 00	– Avokado
0805	Frott taċ-ċitru, frisk jew imnixxef:
0805 40 00	–Il-meraq tat-tronġa, inkluż il-meraq tal-pomelo
0805 90 00	− Oħra
0806	Għeneb, frisk jew imnixxef:
0806 20	– Imnixxfa
0810	Frott ieħor, frisk:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0810 40	– Cranberries, mirtilli u frott ieħor ta' l-ispeċi Vaccinium:
0810 40 10	– – Għeneb tal-muntanja (mirtill aħmar), foxberries jew cranberries tal-muntanja (frott ta' l-ispeċi Vaccinium vitisidaea)
0810 60 00	– Durian
0810 90	− Oħrajn:
	– –Passolina sewda, bajda jew ħamra u ribes, friski
0810 90 60	− − − Redcurrants
0811	Frott jew ġewż, nejjin jew imsajrin bl-istim jew bit-togħlija fl-ilma, iffriżati, kemm jekk biż-żieda ta’ zokkor jew ta’ xi materjal ieħor biex jagħmel ħelu (NM 0811 10 90) kemm jekk le:
0811 20	– Lampuni, tut, ċawsli, loganberries, passolina sewda, bajda jew ħamra u gooseberries:
	Li jkun fihom zokkor jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa miżjuda:
0811 20 11	Li fihom aktar minn 13% kontenut ta' zokkor bil-piż
0811 20 19	Oħrajn
	− − Oħrajn:
0811 20 39	− − − Blackcurrants
0811 90	− Oħrajn:
	Li jkun fihom zokkor jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa miżjuda:
	Li fihom aktar minn 13% kontenut ta' zokkor bil-piż
0811 90 11	Frott tropikali u ġewż tropikali
	− − − Oħrajn:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0811 90 31	Frott tropikali u ġewż tropikali
0812	Frott u ġewż ippreservati proviżorjament (per eżempju, permezz ta' gass tad-diossidu tal-kubrit, fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'soluzzjonijiet preservattivi oħra), iżda mhux tajba għall-konsum immedjat f'dak l-istat:
0812 90	− Oħrajn:
0812 90 10	Berquq:
0812 90 30	Papaja
0812 90 40	– – Frott ta' l-ispeċi Vaccinium myrtillus
0812 90 70	Guavas, mango, mangosteens, tamarind, frott ta' l-anakardju, liċċi (litchi), frott tas-siġra tal-ħobż (jackfruit), frott tas-sapodilja, frott tal-passjoni, karambola, pitaħaja u ġewż tropikali
0812 90 98	− − Oħrajn:
ex 0812 90 98	− − − Blackcurrants
ex 0812 90 98	Lampuni
0813	Frott niexef, minbarra dak ta' l-intestaturi Nru 0801 sa 0806: taħlitiet ta' ġewż jew frott niexef ta' dan il-Kapitolu:
0813 50	– taħlitiet ta' ġewż jew frott niexef ta' dan il-Kapitolu:
	Taħlitiet ta' frott niexef, minbarra dak ta' l-intestaturi 0801 sa 0806:
0813 50 19	Li jkun fihom il-pruna
	Taħlitiet magħmula biss minn ġewż niexef ta' l-intestatura Nru 0801 u 0802:
0813 50 31	Minn ġewż tropikali
0813 50 39	Oħrajn
	Taħlitiet oħrajn:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
0813 50 91	Li ma jkunx fihom pruna jew tin
0814 00 00	Il-qoxra tal-frott taċ-ċitru jew tal-bettieħ (inkluż id-dulliegħ), friska, iffriżata, imnixxfa jew proviżorjament ippreservata fis-salmura, fl-ilma bil-kubrit jew f'xi soluzzjoni preservattiva oħra
0901	Kafé, sew jekk inkaljat sew jekk dekaffeinat; qxur u fosdoq tal-kafe; sostituti tal-kafe li fihom il-kafe f'kull proporzjon:
0901 90	− Oħrajn:
0901 90 10	– – Qxur u fosdqiet tal-kafe
0908	Noċimoskata, il-qoxra barranija tan-noċimoskata u kardamomi
1001	Qamħ u muesli:
1001 90	− Oħrajn:
1001 90 10	Għaż-żriegħ
1006	Ross
1007 00	Qamħ tas-sorgu:
1008	Qamħ saraċin, millieġ u skalora; Ċereali oħrajn:
1102	Dqiq taċ-ċereali apparti minn tal-qamħ jew il-meslin
1102 90	− Oħrajn:
1102 90 30	– – Mil-ħafur
1103	Ħafur, pasta u pritkuni taċ-ċereali:
	– Pasta u ħafur:
1103 19	– – Ta' ċereali oħrajn:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
1103 19 10	Tas-sikrana
1103 19 30	Tax-xgħir:
1103 19 40	Mil-ħafur
1103 19 50	Mir-ross
1103 20	– Pritkuni:
1104	Qmugħ taċ-ċereali maħduma mod ieħor (per eżempju, imfesdqa, irrumblati, imqattgħin f'biċċiet irqaq, perlati, imfella jew miṫhuna fi frak oħxon), minbarra ross ta' l-intestatura 1006; żerriegħa taċ-ċereali, sħiħa, irrumblata, mqiegħda strat strat jew miṫhuna:
	– Qmugħ irrumblati jew imqattgħin f'biċċiet irqaq:
1104 12	– – Mil-ħafur
1104 12 10	– – – Irrumblati
1104 19	– – Ta' ċereali oħrajn:
1104 19 30	Tas-sikrana
	Tax-xgħir:
1104 19 61	Irrumblati
1104 19 69	Ross perlat
	– – – Oħrajn:
1104 19 91	Ross perlat
	– Qmugħ maħduma oħra (per eżempju , imfesdqa, perlati, imfella jew miṫhuna fi frak oħxon):
1104 22	– – Mil-ħafur

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
1104 23	– – Tal-qamħirrum (corn):
1104 23 30	Perlati
1104 23 90	Mhux maħduma mod ieħor għajr miṫuna fi frak oħxon
1104 29	– – Ta' ċereali oħrajn:
	Tax-xgħir:
1104 29 01	Imfesdqa (mingħajr qoxra jew fosdqa)
1104 29 03	Imfesdqa u imfella jew miṫuna fi frak oħxon ("Grütze" or "grutten")
1104 29 05	Perlati
1104 29 07	Mhux maħduma mod ieħor għajr miṫuna fi frak oħxon
1104 29 09	– – – – Oħrajn
	– – – Oħrajn:
	Imfesdqa (mingħajr qoxra jew fosdqa), kemm jekk imqatta fi flieli jew miṫuna fi frak oħxon, kemm jekk le
1104 29 11	Tal-qamħ:
1104 29 18	– – – – – Oħrajn
1104 29 30	– – – – Perlati
ex 1104 29 30	Tal-qamħ:
ex 1104 29 30	Tas-sikrana
	Mhux maħduma mod ieħor għajr miṫuna fi frak oħxon
1104 29 51	Tal-qamħ:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
1104 29 55	Tas-sikrana
1104 29 59	– – – – – Oħrajn
	– – – – Oħrajn:
1104 29 81	Tal-qamħ:
1104 29 85	Tas-sikrana
1104 30	– Żerriegħa taċ-ċereali, sħiħa, irrumblata, mqiegħda strat strat jew miżuna:
1104 30 10	Tal-qamħ:
1105	Dqiq, pasta, trab, flejks, granuli u pritkuni tal-patata
1106	Dqiq, pasta u trab tal-ħxejjex leguminużi mnixxfin ta' titlu 0713, ta' sagu jew ta' għeruq jew tuberi ta' titlu 0714, jew tal-prodotti tal-Kapitlu 8:
1107	Xgħir, kemm jekk inkaljat kemm jekk le
1108	Lamtu; inulina:
	– Lamtu:
1108 19	– –Lamti oħra:
1108 19 10	– – – Mir-ross
1108 20 00	– Inulina
1109 00 00	Glutina tal-qamħ, sew jekk niexfa sew jekk le
1201 00	Żerriegħa tal-ġirasol, imkissra jew le
1202	Ġewż miżun, mhux inkaljat jew imsajjar mod ieħor, bla qoxra, imkisser jew le

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
1202 10	– Fil-qoxra:
1202 10 10	Għaż-żriegħ
1203 00 00	Copra
1204 00	Żerriegħa tal-lin, imkissra jew le
1205	Żerriegħa tal-ġirasol, imkissra jew le
1206 00	Żerriegħa tal-ġirasol, imkissra jew le
1207	Żerrigħa oħra taż-żejt u frott oliganuż, miksurin jew le
1208	Dqiq u ħin ta' żerriegħa ta' żjut jew frott oleaġeneu, eskluż dawk tal-mustarda
1209	Żrieragħ, frott u spori, ta’ kwalità użati għaż-żriegħ:
1210	Il-koni tal-ħopp, friski jew imqadda, sew jekk miṫuna u sew jekk le, f'għamla ta' trab jew f'gerbub; lupulina
1211	Pjanti jew parti minn pjanti (inkluża ż-żerriegħa u l-frott) ta' tip użati primarjament għall-perfumerija, fil-farmaċija jew għall-użu ta' l-insettiċidi, funguċida jew għanijiet simili, friski jew imqadda, kemm jekk huma maqtugħin, imfarrka jew miṫuna, u anki jekk le
1211 90	− Oħrajn:
1211 90 85	− − Oħrajn:
ex 1211 90 85	− − − Oħrajn, ħlief għeruq tal-*liquorice*
1212	Ħarrub, alki tal-baħar u alka oħrajn, pitravi zokkrin u kannamieli, friski, imkessħa, iffriżati jew imnixxfin, kemm jekk miṫuna u kemm jekk le; għadam u qlub tal-frott u prodotti oħrajn ta' ħxejjex (inklużi għeruq mhux inkaljati taċ-ċikwejra tal-varjetà Cichorium intybus sativum) tat-tip użati primarjament għall-konsum uman, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:
	− Oħrajn:
1212 91	– – Zokkor tal-pitravi

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
1212 99	− − Oħrajn:
1213 00 00	Tiben taċ-ċereali u l-fosdqa, mhux ippreparati, kemm jekk huma mqatta', miṫhuna jew fil-forma ta' pritkuni
1214	Nevew, pitravi, għeruq ta' l-għalf, ħuxlief, xnien (alfalfa), silla, ħuxlief sainfoin, koboċċi ta' l-għalf, lupini, ġulbiena u prodotti simili ta' l-għalf, kemm jekk huma fil-forma ta' gerbub jew le:
1301	Il-gommalakka; gomom naturali, rażi, raży tal-gomma u oleoreżini (per eżempju, balzmi)
1302	Meraq jew estratti tal-ħxejjex; sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu oħra, kemm jekk immodifikati jew le, derivati minn prodotti tal-ħxejjex:
	– Sugu veġetali u estratti tal-ħaxix:
1302 11 00	− − Opium
1302 19	− − Oħrajn
	-Muċilaġnijiet u sustanzi oħra li jgħaqqdu, immodifikati jew le, idderivati minn prodotti tal-ħxejjex:
1302 32	--Muċilaġnijiet u sustanzi oħra li jgħaqqdu, immodifikati jew le, idderivati mill-ħarrub, miż-żerriegħa tal-ħarrub jew miż-żerriegħa tal-guar:
1302 32 90	− − − Of guar seeds
1302 39 00	− − Oħrajn
1501 00	Xaħam tal-majjal (inkluż l-ardu) u xaħam tat-tjur, li mhux dak ta' l-intestaturi 0209 jew 1503:
	Xaħam tal-ħnieżer (inkluż ix-xaħam)
1501 00 11	Għal użi industrijali ħlief għall-manifattura ta’oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem
1501 00 90	Xaħam tat-tjur
1502 00	Xaħmijiet ta' l-annimali ta' l-ifrat, nagħaġ jew mogħoż, li mhux dawk ta' l-intestatura 1503

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
1503 00	Stearina tax-xaħam, żejt tax-xaħam, oleostearina, oleo-oil u żejt tax-xaħam tad-dam, mhux emulsifikati jew imħalltin jew ippreparati b'xi mod ieħor:
1504	Ix-xaħmijiet u ż-żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew ta' mammali marini, sew jekk raffinati u sew jekk le, imma mhux modifikati kimikament
1507	Żejt tas-soja u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk irfinut kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament
1508	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament:
1508 10	– Żejt mhux raffinat:
1508 10 10	Għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem
1508 90	− Oħrajn:
1508 90 10	Għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem
1511	Żejt tal-karawett u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament:
1512	Żejt taż-żerriegħa tal-ġirasol, tal-għosfor jew tal-qoton u frazzjonijiet tiegħu, sew jekk raffinat sew jekk le, iżda mhux modifikat kimikament
1513	1 Żejt mill-ġewż ta' l-indji (kopra), il-qalba tal-palma jew żejt babassu u partijiet minnha, raffinat jew le, iżda mhux modifikat kimikament
1514	Żejt tar-rapa, kolza jew tal-mustarda u l-frazzjonijiet tagħhom, sew jekk raffinati sew jekk le, iżda mhux modifikati kimikament
1515	Xaħmijiet u żjut oħra tal-ħxejjex (inkluż iż-żejt jojoba) u l-frazzjonijiet tagħhom, irfinuti jew le, iżda mhux immodifikati kimikament:
	– Żejt tal-ġoġoba u l-frazzjonijiet tiegħu
1515 11 00	– – Żejt mhux raffinat:
1515 19	− − Oħrajn
	– Żejt tal-Qamħirrun u l-frazzjonijiet tiegħu

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
1515 21	– – Żejt mhux raffinat:
1515 29	– – Oħrajn
1515 30	Żejt tal-kastru u l-frazzjonijiet tiegħu
1515 50	– Żejt tal-ġunġliel u l-frazzjonijiet tiegħu
1515 90	− Oħrajn:
1515 90 11	– – Żejt taż-żerriegħa tas-siġra tat-tung; żjut tal-jojoba u l-oitiċika; xema' tar-riħan u xema' tal-Ġappun; il-frazzjonijiet tagħhom
ex 1515 90 11	– – – Żejt tal-kastru u l-frazzjonijiet tiegħu
	Żejt taż-żerriegħa tat-tabakk u l-frazzjonijiet tiegħu;
	Żejt mhux raffinat:
1515 90 21	Għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta’ oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem
1515 90 29	− − − − Oħrajn
	− − − Oħrajn:
1515 90 31	Għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta’ oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem
1515 90 39	− − − − Oħrajn
	Żjut oħra u l-frazzjonijiet tagħhom:
	Żejt mhux raffinat:
1515 90 40	Għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta’ oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem
	− − − − Oħrajn:

Il-kodiċi tan-NM	**Deskrizzjoni**
1515 90 51	− − − Ippakkjati għall-konsum b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 1 kg
1515 90 59	Solidi, oħra likwidi
	− − − Oħrajn:
1515 90 60	Għal użi tekniċi jew industrijali ħlief għall-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem
	− − − − Oħrajn:
1515 90 91	− − − Ippakkjati għall-konsum b'kontenut nett ta' mhux aktar minn 1 kg
1515 90 99	Solidi, oħra likwidi
2001	Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħra ta' pjanti tajbin għall-ikel, ippreparati jew ippreservati fil-ħall jew l-aċtu aċetiku:
2001 90	-Oħrajn:
2001 90 30	--- Qamħirrum ħelu (*Zea mays var. saccharata*)
2001 90 40	--Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili li jittieklu tal-pjanti li fihom 5% jew aktar, bil-piż, ta’ lamtu
2001 90 60	--Qlub tal-palm
2004	Ħxejjex oħra, ippreparati jew ippreservati b'xi mod ieħor għajr bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, iffriżati, minbarra l-prodotti ta' l-intestatura 2006:
2004 10	-Patata:

	Oħrajn:
2004 10 91	---F'forma ta' dqiq, qamħ miħun oħxon jew qxur
2004 90	-Ħaxix ieħor u taħlitiet tal-ħaxix:
2004 90 10	--- Qamħirrum ħelu (*Zea mays var. saccharata*)
2005	Ħxejjex oħra, ippreparati jew ippreservati b'xi mod ieħor għajr bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux iffriżati, minbarra l-prodotti ta' l-intestatura 2006:
2005 20	-Patata:
2005 20 10	--Fil-forma ta' dqiq, pasta jew flejks
2005 80 00	- Qamħirrum ħelu (*Zea mays var. saccharata*)
2008	Frott, lewż u partijiet oħra tal-pjanti li jittieklu, ippreparati jew ippreservati mod ieħor, sew jekk ikun fihom iz-zokkor jew xi materja oħra li tagħti l-ħlewwa jew xi spirtu miżjuda u sew jekk le, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
	-Ġewż, ġewż miħun u żrieragħ oħra, huma jew ma humiex imħallta flimkien:
2008 11	--Ġewż miħun:
2008 11 10	---Butir tal-karawett
	-Ieħor, inklużi taħlitiet imbarra dawk li jidhru taħt l-intestatura Nru 2008 19:
2008 91 00	--Qlub tal-palm
2008 99	Oħrajn:
	---Li ma humiex miżjuda bl-ispirtu:
	----Li ma humiex miżjuda biz-zokkor:
2008 99 85	----- Qamħirrum, minbarra qamħirrun ħelu (Zea mays var. saccharata)
2008 99 91	----Ġammijiet, patata ħelwa u partijiet simili li jittieklu tal-pjanti li fihom 5% jew aktar, bil-piż, lamtu

2101	Estratti, essenzi u konċentrati, ta' kafè, té jew maté (té tal-Ġiżwiti), u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, té jew maté; ċikwejra mixwija u sustanzi oħra mixwija tal-kafè, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:
	-Estratti, essenzi u konċentrati tal-kafè, u preparati b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafè:
2101 11	--Estratti; essenzi u konċentrati:
2101 12	--Tħejjijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, l-essenzi jew il-konċentrati jew b'bażi tal-kafè:
2101 20	-Estratti, essenzi u konċentrati, ta' té jew matè, u preparati b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi u konċentrati jew b'bażi ta' té jew maté:
2101 20 20	--Estratti; essenzi u konċentrati
	--Preparati:
2101 20 98	Oħrajn
2101 30	-Ċikwejra inkaljata u sostituti inkaljati oħra tal-kafè u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom
2102	Ħmira (attiva jew inattiva); mikrorganiżmi oħra ta' ċellula waħda, mejta (imma mhux vaċċini ta' l-intestatura 3002); trab tal-ħami ppreparat
2103	Zlazi u preparati għalihom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta; dqiq u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata:
2103 10 00	-Zalza tas-soja
2103 90	-Oħrajn:
2103 90 90	Oħrajn
2105 00	Ġelati u silġ ieħor li jittiekel, kemm jekk ikun fih il-kawkaw u kemm jekk le
2201	Ilma, inkluż ilma minerali naturali jew artifiċjali u ilma effervexxenti, li ma fihx zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa jew togħma miżjuda; silġ u borra
2202	Ilma, inkluż ilma minerali u ilma effervexxenti, li fihom zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa jew togħma miżjuda, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, għajr meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' l-intestatura 2009

2402	Sigarri, cheroots, cigarillos u sigaretti, magħmula mit-tabakk jew minn sostituti tat-tabakk
2403	Tabakk ieħor manifatturat u sostituti ta' tabakk manifatturat; tabakk “omoġenizzat” jew “rikostitwit”; estratti u essenzi tat-tabakk:
2403 10	-Tabakk tat-tipjip, kemm jekk fih xi sostituti tat-tabakk f’xi proporzjon u kemm jekk le:
2403 10 10	Ippakkjati għall-konsum b’kontenut nett ta’ mhux aktar minn 500 g
	-Oħrajn:
2403 91 00	--Tabakk “omoġenizzat” jew “rikostitwit”
2403 99	Oħrajn

Anness II (c)

Għall-prodotti agrikoli pproċessati elenkati f'dan l-anness, id-dazji doganali MFN se jkomplu japplikaw fil-jum tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0403	Xorrox tal-butir, baqta tal-ħalib u krema, jogurt, kephir u ħalib u krema li jkunu iffermentaw jew qrasu, kemm jekk ikkonċentrat jew le jew li jkun fihom zokkor miżjud jew tip ta' dolċifikant ieħor jew b'togħmiet differenti jew li jkun fih frott jew kawkaw, ġewż jew kawkaw:
0403 10	-Jogurt:
	--Imħawra jew li fiha frott, ġewż jew kawkaw miżjuda:
	---Forma ta' trab, granulat jew forom solidi oħra, b'kontenut ta' grass tal-ħalib, bħala piż:
0403 10 51	----Mhux aktar minn 1.5%
0403 10 53	----Aktar minn 1.5% iżda mhux aktar minn 27%
0403 10 59	----Aktar minn 27%
	---Forma oħra b'kontenut ta' grass tal-ħalib, bħala piż:
0403 10 91	----Mhux aktar minn 3%
0403 10 93	----Aktar minn 3% iżda mhux aktar minn 6%
0403 10 99	----Aktar minn 6%
0403 90	-Oħrajn:
	--Imħawra jew li fiha frott, ġewż jew kawkaw miżjuda:
	---Forma ta' trab, granulat jew forom solidi oħra, b'kontenut ta' grass tal-ħalib, bħala piż:
0403 90 71	----Mhux aktar minn 1.5%
0403 90 73	----Aktar minn 1.5% iżda mhux aktar minn 27%

0403 90 79	----Aktar minn 27%
	---Forma oħra b'kontenut ta' grass tal-ħalib, bħala piż:
0403 90 91	----Mhux aktar minn 3%
0403 90 93	----Aktar minn 3% iżda mhux aktar minn 6%
0403 90 99	----Aktar minn 6%
0405	Butir u xaħmijiet u żjut oħra derivati mill-ħalib; pejsts tal-prodotti tal-ħalib:
0405 20	-Pejstijiet tal-prodotti tal-ħalib:
0405 20 10	--Ta' kontenut ta' xaħam ta' 39% jew aktar bil-piż imma anqas minn 60%
0405 20 30	--Ta' kontenut ta' xaħam ta' 60% jew aktar bil-piż imma anqas minn 75%
2103	Zlazi u preparati tagħhom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta; dqiq u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata:
2103 20 00	-Ketchup tat-tadam u zlazi oħra tat-tadam

Anness II (d)

Kwoti tariffarji annwali applikabbli ma' l-importazzjonijiet fl-Albanija ta' prodotti agrikoli pproċessati li joriġinaw mill-Komunità

L-importazzjoni fl-Albanija tal-prodotti li ġejjin li joriġinaw fil-Komunità għandha tibbenefika minn tariffa ta' dazju ta' 0% fi ħdan il-kwoti kif imfissra hawn taħt. Għall-kwantitajiet li jaqbżu dawn il-kwoti għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet imfissra fl-Anness II (a), l-Anness II (b) u l-Anness II (c).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwoti annwali ħielsa mid-dazju
1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħra ta' l-ikel li fihom il-kawkaw	150 tunnellata
1904	Ikel ippreparat bl-infiħ jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju, il-cornflakes); ċereali (minbarra l-qamħirrum) fil-forma ta' granuli jew fil-forma ta' flejks jew frak maħdum ieħor (ħlief għad-dqiq, ħafur u pasta), imsajra minn qabel jew ippreparati mod ieħor, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:	100 tunnellata
2103	Zlazi u preparati għalihom; kondimenti mħallta u ħwawar imħallta; dqiq u pasta tal-mustarda u mustarda ppreparata	60 tunnellata
2105 00	Ġelati u silġ ieħor li jittiekel, kemm jekk ikun fih il-kawkaw u kemm jekk le	100 tunnellata
2201	Ilma, inkluż ilma minerali naturali jew artifiċjali u ilma effervexxenti, li ma fihx zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa jew togħma miżjuda; silġ u borra	3700 hl
2202	Ilma, inkluż ilma minerali u ilma effervexxenti, li fihom zokkor jew xi sustanza oħra ta' ħlewwa jew togħma miżjuda, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, għajr meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' l-intestatura 2009	

ANNESS VII

PROTOKOLL [4]

DWAR ID-DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW" U METODI TA' KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-APPLIKAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ U R-REPUBBLIKA TA' L-ALBANIJA

WERREJ

TITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 Definizzjonijiet

TITOLU II DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW"

Artikolu 2 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 3 Kumulazzjoni fil-Komunità

Artikolu 4 Akkumulazzjoni fl-Albanija

Artikolu 5 Prodotti miksuba kollha kemm huma

Artikolu 6 Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

Artikolu 7 Ħidma jew ipproċessar li mhumiex biżżejjed

Artikolu 8 Unità ta' kwalifika

Artikolu 9 Aċċessorji, spare parts u għodda

Artikolu 10 Settijiet

Artikolu 11 Elementi newtrali

TITOLU III REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 12 Prinċipju ta' territorjalità

Artikolu 13 Trasport dirett

Artikolu 14 Wirjiet

TITOLU IV TEĦID LURA JEW EŻENZJONI

Artikolu 15 Projbizzjoni minn teħid lura ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali

TITOLU V PROVA TA' ORIĠINI

Artikolu 16 Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 17 Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1

Artikolu 18 Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament

Artikolu 19 Ħruġ ta' ċertifikat duplikat ta' moviment EUR.1

Artikolu 20 Ħruġ ta' ċertifikati ta' movement EUR.1 fuq il-bażi ta' prova ta' l-oriġini maħruġa jew magħmula qabel

Artikolu 21 Firda fil-kontabbiltà

Artikolu 22 Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' fattura

Artikolu 23 Esportatur approvat

Artikolu 24 Validità tal-prova ta' oriġini

Artikolu 25 Sottomissjoni ta' prova ta' oriġini

Artikolu 26 Importazzjoni bin-nifs

Artikolu 27 Eżenzjonijiet minn prova ta' oriġini

Artikolu 28 Dokumenti ta' prova

Artikolu 29 Preservazzjoni ta' prova ta' oriġini u dokumenti ta' sostenn

Artikolu 30 Diskrepanzi u żbalji formali

Artikolu 31 Ammonti espressi f'euro

TITOLU VI ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 32 Assistenza bejn xulxin

Artikolu 33 Verifika ta' provi ta' oriġini

Artikolu 34 Soluzzjoni tat-tilwim

Artikolu 35 Penalijiet

Artikolu 36 Żoni ħielsa

TITOLU VII CEUTA U MELILLA

Artikolu 37 Applikazzjoni tal-Protokoll

Artikolu 38 Kundizzjonijiet speċjali

TITOLU VIII DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 39 Emendi għall-Protokoll

IL-LISTA TA' L-ANNESSI

Anness I: Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II

Anness II: List ta' ħidma jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li m'għandhomx l-oriġini sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb l-istatus ta' prodott li joriġina

Anness III: Eżempji ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 u applikazzjoni għal ċertifikat ta' moviment EUR.1

Anness IV: Test tad-dikjarazzjoni ta' fattura

Anness V: Prodotti esklużi mill-kumulazzjoni taħt l-Artikoli 3 u 4

It-TITOLU I - DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Protokoll:

(a) 'manifattura' tfisser kull xorta ta' xogħol jew proċessar inklużi l-assemblaġġ jew ħidmiet speċifiċi;

(b) 'materjal' tfisser kull ingredjent, materjal mhux maħdum, komponent jew parti, eċċ., użat fil-fabbrikazzjoni tal-prodott;

(c) 'prodott' tfisser il-prodott li jkun fabbrikat, anke jekk ikun maħsub għal użu aktar tard f'xi operazzjoni ta' fabbrikazzjoni oħra;

(d) "merkanzija" tfisser kemm materjali u prodotti;

(e) “valur doganali” tfisser il-valur kif determinat skond il-Ftehim ta' l-1994 dwar l-implementazzjoni ta' l-Artikolu VII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (il-Ftehim WTO dwar il-valutazzjoni doganali);

(f) "prezz ex-works" tfisser il-prezz imħallas għall-prodott ex-works lill-manifattur fil-Komunità jew fl-Albanija li l-aħħar ħidma jew proċessar saru fl-intrapriża tiegħu, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-materjali kollha użati, b' kull taxxa interna li tiġi, jew li tista' tiġi, imħallsa lura meta l-prodott li jinkiseb jiġi esportat mnaqqsa minnu;

(g) "valur ta' materjali" tfisser il-valur doganali meta jiġu importati l-materjali li ma joriġinawx li huma użati, jew, jekk dan mhuwiex magħruf u ma jistax jiġi vverifikat, l-prezz verifikabbli mħallas għall-materjali fil-Komunità jew fl-Albanija;

(h) "il-valur tal-materjali li joriġinaw" tfisser il-valur doganali ta' tali materjali kif definit fis-subparagrafu (g) applikat mutatis mutandis;

(i) "valur miżjud" hija l-prezz ex-works bl-esklużjoni bil-valur doganali ta' kull wieħed mill-materjali inkorporati li joriġina fil-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 mnaqqas minnu jew, meta l-valur doganali mhuwiex magħruf jew ma jistax jiġi vverifikat, l-ewwel prezz verifikabbli mħallas għall-materjali fil-Komunità jew fl-Albanija;

(j) "kapitoli" u "intestaturi" ifissru il-kapitoli u l-intestaturi (kodiċi b’erba' ċifri) użati fin-nomenklatura li tifforma d-Deskrizzjoni Armonizzata ta’ Komodità u Sistema ta’ Kodiċi, imsemmija f’dan il-protokoll bħala "is-Sistema Armonizzata" jew "SA";

(k) "klassifikat" tfisser il-klassifikazzjoni ta' prodott jew materjal taħt xi intestatura partikolari;

(l) “kunsinna” tfisser il-prodotti li jkunu ġew mibgħuta jew simultanjament mingħand esportatur wieħed lejn kunsinnatarju wieħed jew koperti b'dokument tat-trasport wieħed li jkopri l-ispedizzjoni tagħhom mingħand l-esportatur lejn il-kunsinnatarju jew, fin-nuqqas ta' dokument bħal dan, b'fattura waħda;

(m) "territorji" tinkludi l-ibħra territorjali.

TITOLU II

DEFINIZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "PRODOTTI LI JORIĠINAW"

Artikolu 2

Rekwiżiti ġenerali

1. Għall-fini ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, l-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw fil-Komunità:

   (a) prodotti miksuba kollha kemm huma fil-Komunità, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5;

   (b) prodotti miksuba fil-Komunità li jkun fihom materjali li ma jkunux ġew miksuba kollha kemm huma fil-Komunità, sakemm tali materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fil-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6;

2. Għall-fini ta' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-prodotti li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw fl-Albanija:

   (a) prodotti miksuba kollha kemm huma fl-Albanija skond it-tifsira ta' l-Artikolu 5;

   (b) prodotti miksuba fl-Albanija li jkun fihom materjali li ma jkunux ġew miksuba kollha kemm huma hemmhekk, sakemm tali materjali jkunu ġew maħduma jew ipproċessati biżżejjed fil-Kroazja skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6;

Artikolu 3

Kumulazzjoni fil-Komunità

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(1), sakemm il-ħidma jew l-ipproċessar li jsir fil-Komunità jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, jekk xi prodotti jinkisbu fil-Komunità, filwaqt li jinkorporaw materjali li joriġinaw fl-Albanija, fil-Komunità jew fi kwalunkwe pajjiż jew territorju li jipparteċipa fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea[1], jew li jinkorporaw materjali li joriġinaw fit-Turkija li għalihom tapplika d-Deċiżjoni

[1] Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali f'April 1997 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 1999 dwar l-istabbiliment ta' proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

Nru 1/95 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995[2] dawn il-prodotti ser jiġu kkunsidrati li joriġinaw fil-Komunità. M'huwiex ser ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.

2. Meta l-ħidma jew l-ipproċessar li jsir fil-Komunità ma jkunx imur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu biss jiġi kkunsidrat bħala li joriġina fil-Komunità meta l-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-prodott miksub għandu jiġi kkunsidrat li joriġina fil-pajjiż li minnu jkun ġej l-ogħla valur tal-materjali li joriġinaw użati fil-manifattura fil-Komunità.

3. Dawk il-prodotti li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji msemmija fil-paragrafu 1, li ma jkunux suġġetti għal ħidma jew ipproċessar fil-Komunità, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi jew territorji.

4. L-akkumulazzjoni li jipprovdi għaliha dan l-Artikolu tista’ tkun applikata biss jekk:

   (a) ikun applikabbli ftehim ta' kummerċ preferenzjali skond l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) bejn il-pajjiżi u t-territorji involuti fl-akkwist ta' status ta' prodott bħala prodott li joriġina u l-pajjiż ta' destinazzjoni;

   (b) materjali u prodotti jkunu kisbu l-istatus ta’ oriġini bl-applikazzjoni tar-regoli ta’ oriġini identiċi ma’ dawk stipulati f’dan il-Protokoll;

   kif ukoll

   (c) avviżi li jindikaw it-twettieq tal-ħtiġiet neċessarji għall-applikazzjoni ta’ l-akkumulazzjoni jkunu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea (serje Ċ) u fis-Sirja skond il-proċeduri tagħha.

   L-akkumulazzjoni li jipprovdi għaliha dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea (serje Ċ).

Il-Komunità għandha tipprovdi lill-Albanija, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, bid-dettalji tal-Ftehimiet, flimkien mar-regoli ta' oriġini li jikkorrispondu għalihom, li huma applikati mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1.

Il-prodotti fl-Anness V għandu jkun eskluż mill-akkumulazzjoni provduta f'dan l-Artkolu.

---

[2] Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 tapplika għal prodotti diversi minn prodotti agrikoli kif definiti fil-Ftehim li jistabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija u diversi minn faħam u prodotti ta' l-azzar kif definiti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea għall-Faħam u Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-kummerċ fi prodotti koperti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Faħam u Azzar.

Artikolu 4

Akkumulazzjoni fl-Albanija

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(2), sakemm il-ħidma jew l-ipproċessar li jsir fl-Albanija jmur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, jekk xi prodotti jinkisbu fl-Albanija, filwaqt li jinkorporaw materjali li joriġinaw fil-Komunità, fl-Albanija jew fi kwalunkwe pajjiż jew territorju li jipparteċipa fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea[3], jew li jinkorporaw materjali li joriġinaw fit-Turkija li għalihom tapplika d-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni KE-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995[4] dawn il-prodotti ser jiġu kkunsidrati li joriġinaw fl-Albanija. M'huwiex ser ikun meħtieġ li dawk il-materjali jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar suffiċjenti.

2. Meta l-ħidma jew l-ipproċessar li jsir fl-Albanija ma jkunx imur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7, il-prodott miksub għandu biss jiġi kkunsidrat bħala li joriġina fl-Albanija meta l-valur miżjud ikun akbar mill-valur tal-materjali użati li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1. Jekk dan ma jkunx hekk, il-prodott ottenut għandu jkun ikkunsidrat bħala li joriġina f'dak il-pajjiż minn fejn ikun ġie l-aktar valur għoli ta' materjali użati fil-manifattura fl-Albanija.

3. Dawk il-prodotti li joriġinaw f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji msemmija fil-paragrafu 1, li ma jkunux suġġetti għal ħidma jew ipproċessar fl-Albanija, iżommu l-oriġini tagħhom jekk jiġu esportati f'wieħed minn dawn il-pajjiżi jew territorji.

4. L-akkumulazzjoni li jipprovdi għaliha dan l-Artikolu tista' tkun applikata biss jekk:

   (a) ikun applikabbli ftehim ta' kummerċ preferenzjali skond l-Artikolu XXIV tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) bejn il-pajjiżi u t-territorji involuti fl-akkwist ta' status ta' prodott bħala prodott li joriġina u l-pajjiż ta' destinazzjoni;

   (b) materjali u prodotti jkunu kisbu l-istatus ta' oriġini bl-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini identiċi ma' dawk stipulati f'dan il-Protokoll;

   kif ukoll

   (c) avviżi li jindikaw it-twettieq tal-ħtiġiet neċessarji għall-applikazzjoni ta' l-akkumulazzjoni jkunu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje Ċ) u fl-Albanija skond il-proċeduri tagħha.

---

[3] Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali f'April 1997 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Mejju 1999 dwar l-istabbiliment ta' proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

[4] Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni Turkija-KE tat-22 ta' Diċembru 1995 japplika għal prodotti oħra barra prodotti agrikoli kif iddefinit fil-ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija ħlief dawk tal-prodotti tal-faħam u l-azzar kif iddefinit fil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea għall-Faħam u l-Azzar u r-Repubblika tat-Turkija dwar il-kummerċ tal-prodotti koperti mit-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Faħam u l-Azzar.

L-akkumulazzjoni li jipprovdi għaliha dan l-Artikolu għandha tapplika mid-data indikata fl-avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea (serje Ċ).

L-Albanija għandha tipprovdi lill-Komunità, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, bid-dettalji tal-Ftehimiet, flimkien mad-dati tad-dħul fis-seħħ tagħhom u mar-regoli ta' oriġini li jikkorrispondu għalihom, li huma applikati mal-pajjiżi jew it-territorji l-oħra msemmija fil-paragrafu 1.

Il-prodotti fl-Anness V għandu jkun eskluż mill-akkumulazzjoni provduta f'dan l-Artkolu.

Artikolu 5

Prodotti miksuba kollha kemm huma

1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miksuba kollha kemm huma fil-Komunità jew fl-Albanija:

   (a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew minn qiegħ il-baħar tagħhom;

   (b) prodotti veġetali maħsuda hemmekk;

   (c) annimali ħajjin imwielda u mrawma hemmhekk;

   (d) prodotti li ġejjin minn annimali ħajjin imrobbija hemmhekk;

   (e) prodotti miksuba mill-kaċċa jew mis-sajd li jseħħu hemmhekk;

   (f) prodotti tas-sajd fuq il-baħar u prodotti oħra miksuba mill-baħar, barra mill-ibħra territorjali tal-Komunità jew l-Albanija, mill-vapuri tagħhom;

   (g) prodotti magħmula fuq il-bastimenti tagħhom li fihom fabbrika esklussivament mill-prodotti msemmija fis-sottoparagrafu (f);

   (h) artikli użati miġbura hemmekk adattati biss sabiex tinġabar il-materja prima, inklużi tajers użati adattati biss biex jitfellilhom mill-ġdid il-wiċċ ta' barra jew għal użu bħala skart;

   (i) skart u ħela li jirriżultaw mill-operazzjonijiet tal-manifattura imwettqa hemmhekk;

   (j) prodotti estratti minn ħamrija jew is-saff ta' taħt il-ħamrija marittima 'il barra mill-ibħra territorjali tagħhom sakemm ikollhom id-drittijiet uniċi li jaħdmu dik il-ħamrija jew dak is-saff ta' taħt il-ħamrija;

   (k) oġġetti prodotti hemm esklussivament mill-prodotti speċifikati f'(a) sa (j).

2. It-termini "il-bastimenti tagħhom" u l-"bastimenti tagħhom li fihom fabbrika" fil-paragrafu 1(f) u (g) għandhom japplikaw biss għal bastimenti u għal bastimenti li fihom fabbrika:

   (a) li huma rreġistrati jew imniżżla fi Stat Membru tal-Komunità jew fl-Albanija;

(b) li jbaħħru bil-bandiera ta' Stat Membru tal-Komunità jew ta' l-Albanija;

(c) li huma l-proprjetà sal-limitu ta' mill-anqas 50% minn ċittadini ta' l-Istat Membru tal-Komunità jew ta' l-Albanija, jew minn kumpannija li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha f'wieħed minn dawk l-Istati, li d-diriġenti tagħha, iċ-Chairman tal-Bord tad-Diretturi jew tal-Bord tas-Superviżjoni tagħha u l-maġġoranza tal-membri ta' tali bordijiet ikunu ċittadini ta' Stati Membru tal-Komunità jew ta' l-Albanija, u li minnhom, barra minn dan, fil-każ ta' soċjetajiet kummerċjali jew kumpanniji b'responsabbiltà limitata, mill-anqas nofs il-kapital ikun proprjetà ta' dawk l-Istati jew ta' korpi pubbliċi jew ta' ċittadini ta' l-Istati msemmija;

(d) li l-kaptan u l-uffiċjali tagħhom ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Komunità jew ta' l-Albanija,

kif ukoll

(e) li mill-anqas 75 fil-mija ta' l-ekwipaġġ tagħhom ikunu persuni ta' nazzjonalità ta' l-Istati Membri tal-Komunità jew ta' l-Albanija.

Artikolu 6

Prodotti maħduma jew ipproċessati biżżejjed

1. Għall-għanijiet ta' l-Artikolu 2, il-prodotti li ma jkunux kompletament miksuba huma meqjusa li jkunu maħduma jew ipproċessati biżżejjed meta jilħqu l-kondizzjonijiet stipulati fil-lista fl-Anness II.

Il-kondizzjonijiet riferuti hawn fuq jindikaw, għall-prodotti kollha koperti bil-Ftehim, ix-xogħol jew l-ipproċessar li jridu jiġu mwettqa fuq materjali li m'humiex oriġinati wżati fl-immanifatturar u japplika biss f'relazzjoni ma' materjali bħal dawn. Minn dan joħroġ li jekk prodott li jkun kiseb status ta' oriġini billi jissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fil-lista jintuża fil-manifattura ta' prodott ieħor, il-kondizzjonijiet applikabbli għall-prodott li jkun inkorporat fih ma' japplikawx għalih, u ma jingħata l-ebda kont tal-materjali li ma joriġinawx li jistgħu jkunu ntużaw fil-manifattura tiegħu.

2. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1, materjali li ma joriġinawx li, skond il-kondizzjonijiet stipulati fil-lista, ma għandhomx jintużaw fil-manifattura ta' prodott, jistgħu jintużaw xorta waħda sakemm:

(a) il-valur totali tagħhom ma jaqbiżx il-10 fil-mija tal-prezz ta' l-ex works tal-prodott;

(b) l-ebda wieħed mill-perċentwali mogħtija fil-lista għall-valur massimu ta' materjali li ma joriġinawx ma jinqabeż bl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal prodotti li jaqgħu taħt il-Kapitli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7.

Artikolu 7

Ħidma jew ipproċessar li mhumiex biżżejjed

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, dawn l-operazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala xogħol jew ipproċessar mhux suffiċjenti li jagħti l-istatus ta' prodotti oriġinarji, kemm jekk jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 6 kif ukoll jekk le:

   (a) operazzjonijiet ta' preżervazzjoni li jassigura li l-prodotti jinżammu f'kondizzjoni tajba matul it-trasport u l-ħażna;

   (b) separazzjoni u mmuntar ta' pakketti;

   (c) ħasil, tindif; tneħħija ta' trab, ossidu, żejt, żebgħa, jew tip ta' kisi ieħor;

   (d) mogħdija jew pressa tat-tessuti;

   (e) operazzjonijiet ta' żebgħa u ta' lostru sempliċi;

   (f) ħruġ mill-fosdqar, ibbliċjar parzjali jew totali, illustrar u gglejżjar ta' ċereali u ta' ross;

   (g) operazzjonijiet għall-ikkulular jew l-iffurmar ta’ zokkor taċ-ċangaturi;

   (h) tqaxxir, tneħħija ta’ l-għadma jew fsdieq ta’ frott, ġewż u ħaxix;

   (i) tifrik, tidħin sempliċi jew qtugħ sempliċi;

   (j) għarbil, l-għażla skond id-daqs, it-tip, il-klassifika, it-tqabbil; (inkluż il-kompożizzjoni ta’ settijiet ta’ oġġetti); (k)

   (k) tqegħid sempliċi fi fliexken, laned, flasks, boroż, bagalji, kaxxi, it-twaħħil fuq kartun jew twavel u l-operazzjonijiet l-oħra kollha ta’ ppakkjar;

   (l) twaħħil jew stampar ta’ marki, tabelli, lowgows u sinjali oħra ta’ distinzjoni fuq prodotti jew l-ippakkjar tagħhom;

   (m) taħlit sempliċi ta’ prodotti, kemm jekk ta’ tipi differenti kif ukoll jekk le; taħlit ta' zokkor ma' kull materjal ieħor;

   (n) immuntar sempliċi ta’ partijiet ta’ artikli bl-iskop li jikkostitwixxu artiklu sħiħ jew iż-żarmar ta’ prodotti f’partijiet;

   (o) taħlita ta' żewġ operazzjonijiet jew aktar speċifikati f'(a) sa (n);

   (p) tbiċċir ta' l-annimali.

2. L-operazzjonijiet kollha li jitwettqu fuq prodott speċifikat fil-Komunità jew fl-Albanija għandhom jitqiesu flimkien meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk ix-xogħol jew l-ipproċessar li għadda minnu l-prodott għandux jitqies bħal insuffiċjenti skond it-tifsira tal-paragrafu 1.

Artikolu 8

Unità ta' kwalifika

1. L-unità ta' kwalifikazzjoni għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll għandu jkun il-prodott partikolari li huwa kkunsidrat bħala l-unità bażika fid-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni bl-użu tan-nomenklatura tas-Sistema Armonizzata.

   Minn dan joħroġ li:

   (a) meta prodott magħmul minn grupp jew numru ta' oġġetti jkun ikklassifikat skond it-termini tas-Sistema Armonizzata taħt intestatura waħda, dan jifforma unità ta' kwalifikazzjoni kollu kemm hu;

   (b) meta konsenja tkun magħmula minn numru ta' prodotti identiċi kklassifikati taħt l-istess intestatura tas-Sistema Armonizzata, kull prodott għandu jitqies b'mod individwali fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

2. Meta, skond ir-Regola Ġenerali 5 tas-Sistema Armonizzata, l-ippakkjar ikun inkluż mal-prodott għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, għandu jkun inkluż għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' l-oriġini.

Artikolu 9

Aċċessorji, spare parts u għodda

Aċċessorji, spare parts u għodod mibgħuta ma' xi tagħmir, magna, apparat jew vettura, li huma parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz, jew li ma jkunux fatturati separatament, għandhom jitqiesu bħala parti integra tat-tagħmir, magna, apparat jew vettura in kwistjoni.

Artikolu 10

Settijiet

Settijiet, kif imfissra fir-Regola Ġenerali 3 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw meta l-komponenti kollha jkunu joriġinaw. Minkejja dan, meta sett ikun magħmul minn prodotti oriġinarji u prodotti mhux oriġinarji, is-sett bħala entità sħiħa għandu jitqies bħala oriġinarju, sakemm il-valur tal-prodotti mhux oriġinarji ma jaqbiżx 15% tal-prezz ex-fabbrika tas-sett.

Artikolu 11

Elementi newtrali

Sabiex ikun iddeterminat jekk prodott ikunx joriġina, ma huwiex meħtieġ li jkun determinat l-oriġini ta' dawn li ġejjin, li jistgħu jintużaw fil-manifattura tiegħu:

(a) enerġija u fjuwil;

(b) impjant u tagħmir:

(c) makkinarju u għodda;

(d) oġġetti li ma' jidħlux, u mhux maħsuba li jidħlu, fil-kompożizzjoni tal-prodott.

TITOLU III

REKWIŻITI TERRITORJALI

Artikolu 12

Prinċipju ta' territorjalità

1. Ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 3 u 4 u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-kundizzjonijiet sabiex jinkiseb status ta' oriġini li jinsabu fit-Titolu II għandhom ikunu sodisfatti mingħajr interruzzjoni fil-Komunità jew fl-Albanija.

2. Ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 3 u 4, meta oġġetti li joriġinaw li huma esportati mill-Komunità jew mill-Albanija lejn pajjiż ieħor jirritornaw, għandhom jitqiesu bħala li ma joriġinawx, sakemm ma jkunx jista' jintwera, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana, li:

   (a) l-oġġetti li jirritornaw huma l-istess bħal dawk esportati;

   kif ukoll

   (b) ma saritilhom l-ebda operazzjoni aktar minn dak meħtieġ sabiex ikunu ppriservati waqt li jkunu f'dak il-pajjiż jew waqt l-esportazzjoni. 3.

3. L-akkwist ta' status ta' oriġini skond il-kondizzjonijiet stipulati fis-Taqsima II ma għandux ikun effettwat minn xogħol jew ipproċessar li jsir barra mill-Komunità jew mis-Sirja fuq materjali esportati mill-Komunità jew mill-Albanija u, sussegwentement, importat hemm mill-ġdid, sakemm:

   (a) il-materjali msemmija jkunu miksuba kompletament fil-Komunità jew fl-Albanija jew ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 qabel ma jkunu esportati;

   kif ukoll

   (b) ikun jista' jintwera, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana, li:

      i) l-oġġetti impurtati mill-ġdid ikunu nkisbu billi sar xogħol jew ipproċesar fuq il-materjali esportati;

      kif ukoll

      ii) il-valur miżjud totali miksub barra mill-Komunità jew mill-Albanija bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma jkunx aktar minn 10 fil-mija tal-prezz ex-works tal-prodott finali li għalih qed jintalab l-istatus ta' prodott li joriġina.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-kondizzjonijiet għall-akkwist ta' status ta' oriġini stipulati fis-Taqsima II ma għandhomx japplikaw għal xogħol jew ipproċessar li jsir barra mill-Komunità jew mill-Albanija. Iżda meta, fil-lista fl-Anness II, regola li tistipula valur massimu għall-materjali kollha li ma joriġinawx inkorporati tkun applikata fid-determinazzjoni ta' l-istatus ta' oriġini tal-prodott finali, il-valur totali tal-materjali li ma joriġinawx inkorporat fit-territorju tal-parti kkonċernata, meħud flimkien mat-total tal-valur miżjud akkwistat barra mill-Komunità jew mill-Albanija bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, ma għandux ikun aktar mill-persentaġġ imsemmi.

5. Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-paragrafi 3 u 4, 'total tal-valur miżjud' għandha tfisser l-ispejjeż kollha li jinqalgħu barra mill-Komunità jew l-Albanija, inkluż il-valur tal-materjali nkorporati hemm.

6. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 m'għandhomx japplikaw għal prodotti li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Anness II jew li jistgħu jitqiesu li huma maħduma jew ipproċessati biżżejjed fil-każ biss li tiġi applikata t-tolleranza ġenerali stabbilita fl-Artikolu 6(2).

7. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4 ma għandhomx japplikaw għal prodotti tal-Kapitoli 50 sa 63 tas-Sistema Armonizzata.

8. Kull xogħol jew ipproċessar tat-tip kopert mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u li jsiru barra mill-Komunità jew mill-Albanija għandu jsir taħt l-arranġament dwar l-ipproċessar estern, jew arranġamenti simili.

Artikolu 13

Trasport dirett

1. It-trattament preferenzjali previst minn dan il-Ftehim japplika biss għal prodotti, li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll, li huma ttrasportati direttament bejn il-Komunità u l-Albanija jew li jgħaddu mit-territorji ta' pajjiżi oħra jew mit-territorji msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Madanakollu, prodotti li jikkostitwixxu konsenja waħda jistgħu jiġu trasportati minn territorji oħra bi trasbord jew ħażna temporanja f'territorji bħal dawn, jekk tiġi l-okkażjoni, iżda dawn jibqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet tad-dwana fil-pajjiż tat-transitu jew tal-ħażna u li ma jkunux għaddew minn operazzjonijiet barra dak ta' ħatt, tgħabija jew xi operazzjoni maħsuba biex żżommhom f'kundizzjoni tajba.

   Prodotti li joriġinaw jistgħu jiġu ttrasportati permezz ta' pajp li jgħaddi minn territorju li mhuwiex dak tal-Komunità jew ta' l-Albanija.

2. Għandha tiġi pprovduta evidenza lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ġew sodisfatti permezz tal-produzzjoni ta':

   (a) dokument uniku tat-trasport li jkopri l-passaġġ mill-pajjiż ta' l-esportazzjoni u li jgħaddi mill-pajjiż tat-tranżitu; jew

   (b) ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż tat-tranżitu;

(i) li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti;

(ii) li jistqarr id-dati tal-ħatt u tat-tgħabija mill-ġdid tal-prodotti u, meta applikabbli, l-ismijiet tal-vapuri jew tal-mezzi l-oħrajn tat-trasport użati;

kif ukoll

(iii) li jiċċertifika l-kundizzjonijiet li taħthom il-prodotti baqgħu fil-pajjiż tat-tranżitu; jew

(c) fin-nuqqas ta' dawn, kull dokument ieħor ta' prova.

Artikolu 14

Wirjiet

1. Prodotti li joriġinaw, li jintbagħtu għal wirja f'pajjiż jew territorju li mhuwiex wieħed minn dawk li ssir referenza għalihom fl-Artikoli 3 u 4 u li jinbiegħu wara l-wirja sabiex jiġu importati fl-Albanija għandhom, meta jiġu importati, igawdu mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim sakemm jintwera għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet tad-dwana li:

(a) esportatur ikun ikkonsenja dawn il-prodotti mill-Komunità jew mill-Albanija lejn il-pajjiż fejn tinżamm il-wirja u jkun urihom hemm;

(b) dak l-esportatur biegħ il-prodotti, jew iddispona minnhom b'xi mod ieħor, lil persuna fil-Komunità jew fl-Albanija;

(c) il-prodotti jkunu ġew ikkunsinnati matul il-wirja jew immedjetament warajha fl-Istat fejn kienu intbagħtu għall-wirja;

kif ukoll

(d) il-prodotti ma ġewx, minn meta kienu kkunsinnati għall-wirja, użati għal xi skop apparti bħala dimostrazzjoni fil-wirja.

2. Għandha tiġi maħruġa jew magħmula prova ta' oriġini skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V u mogħtija lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' l-importazzjoni bil-manjiera n-normali. L-isem u l-indirizz tal-wirja għandhom jiġu indikati fiha. Fejn ikun meħtieġ, tista' tinħtieġ evidenza dokumentarja addizzjonali tal-kundizzjonijiet li taħthom ġew eżibiti l-prodotti.

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika għal kull wirja kummerċjali, industrijali, agrikola jew tas-snajja, fiera jew wirja pubblika simili li ma tkunx organizzata għal għanijiet privati fi ħwienet jew postijiet tan-negozju bl-għan tal-bejgħ ta' prodotti barranin, u li matulha l-prodotti jibqgħu taħt il-kontroll tad-dwana.

TITOLU IV

TEĦID LURA JEW EŻENZJONI

Artikolu 15

Projbizzjoni minn teħid lura ta', jew eżenzjoni minn, dazji doganali

1. Materjali li ma joriġinawx li huma użati fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fl-Albanija jew f'wieħed mill-pajjiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li għalihom inħarġet jew saret prova ta' oriġini skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V m'għandhomx ikunu soġġetti, fil-Komunità jew fl-Albanija, għar-rifużjoni ta', jew għall-eżenzjoni minn, dazji doganali ta' kwalunkwe tip.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kull arranġament għall-ħlas lura, tnaqqis jew pagament li ma jsirx, parzjalment jew totalment, tad-dazji jew drittijiet doganali b'effett ekwivalenti, applikabbli fil-Komunità jew fl-Albanija għal materjali użati fil-manifattura, meta tali ħlas lura, tnaqqis jew pagament li ma jsirx, japplika, espressament jew effettivament, meta l-prodotti li jkunu nkisbu mill-materjali msemmija jiġa esportati u mhux meta jinżammu għall-użu fid-dar hemmhekk.

3. L-esportatur ta' prodotti koperti bi prova ta' oriġini għandu jkun lest li jippreżenta f'kull waqt, fuq talba mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti xierqa kollha li jagħtu prova li ma nkisbet l-ebda rifużjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjali li ma joriġinawx użati fil-manifattura tal-prodotti konċernati u li d-dazji jew id-drittijiet doganali kollha b'effett ekwivalenti applikabbli għal tali materjali fil-fatt tħallsu.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ippakkjar skond it-tifsira ta' l-Artikolu 8(2), aċċessorji, spare parts u għodda skond it-tifsira ta' l-Artikolu 9 u prodotti f'sett skond it-tifsira ta' l-Artikolu 10 meta tali oġġetti ma jkunux joriġinaw.

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom japplikaw biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' materjali li huma tat-tip li japplika għalihom il-Ftehim. Barra minn hekk, m'għandhomx jipprekludu l-applikazzjoni ta' sistema ta' ħlas lura fuq l-esportazzjoni għal prodotti agrikoli, applikabbli fil-mument ta' l-esportazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

TITOLU V

PROVA TA' ORIĠINI

Artikolu 16

Rekwiżiti ġenerali

1. Prodotti li joriġinaw fil-Komunità għandhom, fil-mument ta’ l-importazzjoni tagħhom fl-Albanija u prodotti li joriġinaw fl-Albanija għandhom, fil-mument ta’ l-importazzjoni tagħhom fil-Komunità jgawdu mill-Ftehim mal-preżentazzjoni ta’ jew:

   (a) ċertifikat ta' moviment EUR.1, li kampjun tiegħu jidher fl-Anness III; jew

   (b) fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 21(1), dikjarazzjoni, iktar 'il quddiem imsejħa "id-dikjarazzjoni ta' fattura", mogħtija mill-esportatur fuq fattura, nota ta' kunsinna jew kull dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-prodotti konċernati f’dettall suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati it-test tad-dikjarazzjoni ta' fattura jidher fl-Anness IV.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-prodotti li joriġinaw skond it-tifsira ta' dan il-Protokoll, għandhom, fil-każijiet kollha msemmija fl-Artikolu 27, igawdu mill-Ftehim mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi ppreżentat kwalunkwe wieħed mid-dokumenti msemmija aktar 'il fuq.

Artikolu 17

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1

1. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur wara li ssir applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà ta' l-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. Għal dan il-għan, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom jimlew kemm iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 kif ukoll l-formola ta’ applikazzjoni, li jidhru kampjuni tagħhom fl-Annessi III. Dawn il-formoli għandhom jimtlew f’waħda mil-lingwi li jkunu ntużaw f’dan il-Ftehim u skond id-disposizzjonijiet tal-liġi domestika tal-pajjiż esportatur. Jekk miktuba bl-idejn, għandhom jimtlew bil-linka b’karattri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa rriservata għal dan il-għan minghajr ma jitħallew xi linji vojta. Meta l-kaxxa ma timtelax kompletament, għandha tinġibed linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni, bl-ispazju vojt maqtugħ.

3. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jkun ippreparat sabiex jissottometti, f'kull ħin, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-

pajjiż esportatur fejn jinħareġ iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1, id-dokumenti kollha xierqa li jippruvaw li l-istat bħala prodotti li joriġinaw tal-prodotti konċernati kif ukoll it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll. 4.

4. Għandu jinħareġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 mill-awtoritajiet tad-dwana ta' Stat Membru tal-Komunità jew ta' l-Albanija jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jkunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fl-Albanija jew f'wieħed mill-pajjiżi jew territorji msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jissodisfaw rekwiżiti oħra ta' dan il-Protokoll.

5. L-awtoritajiet tad-dwana li joħorġu ċ-ċertifikati EUR.1 għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jivverifikaw l-istatus ta' prodotti li joriġinaw tal-prodotti u li r-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll ġew sodisfatti. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kull xhieda u li jwettqu kull spezzjoni tal-kontijiet ta' l-esportatur jew kull stħarriġ ieħor meqjus xieraq. Huma għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragrafu 2 jimtlew kif suppost. B'mod partikolari, huma għandhom jivverifikaw jekk l-ispazju riservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jkunx tlesta f'tali manjiera li teskludi kull possibiltà ta' żidiet frawdolenti.

6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandha tiġi indikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.

7. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom joħorġu u għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' l-esportatur ċertifikat EUR.1 malli l-esportazzjoni nfisha tkun twettqet jew tkun ġiet żgurata.

Artikolu 18

Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa retrospettivament

1. Minkejja l-Artikolu 17(7), ċertifikat ta' moviment EUR.1 jista' jinħareġ eċċezzjonalment wara l-esportazzjoni tal-prodotti li jkopri jekk:

   (a) ma kienx ġie maħruġ fil-waqt ta' l-esportazzjoni minħabba żbalji jew ommissjonijiet involontarji jew ċirkostanzi speċjali;

   jew

   (b) jintwera għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana li kien ġie maħruġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 iżda li ma kienx ġie aċċettat ma' l-importazzjoni minħabba raġunijiet tekniċi.

2. Għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu il-post u d-data ta' esportazzjoni tal-prodotti koperti miċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u għandu jiddikjara r-raġunijiet għat-talba tiegħu.

3. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu joħorġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 retrospettivament biss wara li jivverifikaw li t-tagħrif provdut fl-applikazzjoni ta' l-esportatur jaqbel ma' dak fil-fajl li jikkorrispondi.

4. Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom jiġu ċċertifikati bil-frażi li ġejja bl-Ingliż: "ISSUED RETROSPECTIVELY"

5. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

Artikolu 19

Ħruġ ta' ċertifikat duplikat ta' moviment EUR.1

1. Fil-każ ta' serq, telf jew qerda ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1, l-esportatur jista' japplika lill-awtoritajiet tad-dwana li jkunu ħarġuh għal kopja magħmula fuq il-bażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tagħhom.

2. Il-kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tiġi ċċertifikata bil-kelma li ġejja bl-Ingliż: "DUPLICATE"

3. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiddaħħal fil-kaxxa "Rimarki" taċ-ċertifikat duplikat ta' moviment EUR.1. 4.

4. Id-duplikat, li għandu jkollu d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali ta' moviment EUR.1, għandu japplika minn dik id-data.

Artikolu 20

Ħruġ ta' ċertifikati ta' movement EUR.1 fuq il-bażi ta' prova ta' l-oriġini maħruġa jew magħmula qabel

Meta prodotii li joriġinaw jitpoġġew taħt il-kontroll ta' uffiċju tad-dwana fil-Komunità jew fl-Albanija, għandu jkun possibbli li l-prova ta' oriġini oriġinali tiġi sostitwita b'ċertifikat wieħed jew aktar ta' moviment EUR.1 bl-għan li dawn il-prodotti kollha jew uħud minnhom jintbgħatu x'imkien ieħor fil-Komunità jew fl-Albanija. Iċ-ċertifikat(i) ta' moviment sostitut(i) EUR.1 għandu(hom) jinħareġ(ġu) mill-uffiċċju tad-dwana li l-prodotti tpoġġew taħt il-kontroll tiegħu.

Artikolu 21

Firda fil-kontabbiltà

1. Fil-każijiet fejn jinqalgħu spejjeż konsiderevoli jew diffikultajiet materjali fiż-żamma ta' ħażniet separati ta' materjali li joriġinaw u materjali li ma joriġinawx, li huma identiċi u jistgħu jieħdu post xulxin, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu, fuq talba bil-miktub ta' dawk konċernati, jawtorizzaw li jintuża l-metodu magħruf bħala "firda fil-kontabblità" għall- ġestjoni ta' dawn it-tipi ta' ħażniet.

2. Il-metodu għandu jkun jiżgura li, għal perijodu ta' referenza speċifiku, in-numru ta' prodotti miksuba li jistgħu jitqiesu bħala 'prodotti li joriġinaw' ikunu l-istess bħal dak in-numru li kien jinkiseb kieku kien hemm segregazzjoni fiżika tal-ħażniet.

3. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni bħal din taħt il-kundizzjonijiet li jqisu xierqa.

4. Dan il-metodu huwa rreġistrat u applikat fuq il-bażi tal-prinċipji ġenerali tal-kontabbiltà applikabbli fil-pajjiż fejn il-prodott ġie mmanifatturat.

5. Il-benefiċjarju ta' din il-faċilità jista' joħroġ provi ta' oriġini jew japplika għalihom, skond il-każ, għall-kwantità ta' prodotti li jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw. Fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tad-dwana, il-benefiċjarju għandu jipprovdi stqarrija dwar kif ġew iġġestiti l-kwantitajiet. 6.

6. L-awtoritajiet doganali għandhom jissorveljaw l-użu li sar mill-awtorizzazzjoni u jistgħu jirtirawha f'kull waqt meta l-benefiċjarju jagħmel użu li mhuwiex xieraq mill-awtorizzazzjoni fi kwalunkwe mod possibbli jew jonqos milli jilħaq kwalunkwe kondizzjoni oħra stipulata f'dan il-Protokoll.

Artikolu 22

Kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' fattura

1. Tista' ssir dikjarazzjoni ta' fattura kif imsemmija fl-Artikolu 16(1)(b):

   (a) minn esportatur approvat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 23;

   jew

   (b) minn kull esportatur għal kull konsenja li tikkonsisti f'pakkett jew pakketti li jikkontjenu prodotti li joriġinaw li l-valur totali tagħhom ma jkunx aktar minn EUR 6,000.

2. Tista' tiġi magħmula dikjarazzjoni ta' fattura jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jkunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fl-Albanija jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jissodisfaw il-kondizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

3. L-esportatur li jagħmel id-dikjarazzjoni ta' fattura għandu jkun ppreparat li jissottometti f'kull ħin, fuq it-talba ta' l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' esportazzjoni, id-dokumenti xierqa li jippruvaw l-istatus ta' prodotti li joriġinaw tal-prodotti konċernati kif ukoll it-twettiq tal-kondizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

4. Għandha tiġi magħmula dikjarazzjoni ta' fattura mill-esportatur permezz ta' l-ittajpjar, l-ittimbrar jew l-istampar fuq il-fattura, in-nota tal-kunsinna jew xi dokument kummerċjali ieħor, tad-dikjarazzjoni, li t-test tagħha jidher fl-Anness IV, f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stabbiliti f'dak l-Anness u skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-pajjiż ta' esportazzjoni. Jekk id-dikjarazzjoni tkun miktuba bl-idejn, hija għandha tinkiteb bil-linka f'karattri stampati.

5. Id-dikjarazzjonijiet ta' fattura għandu jkollhom il-firma oriġinali ta' l-esportatur miktuba bl-idejn. Madankollu, esportatur approvat skond l-Artikolu 23 m'għandux jiġi meħtieġ li jiffirma dikjarazzjonijiet bħal dawn sakemm jagħti lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur impenn bil-miktub li jaċċetta responsabbiltà sħiħa għal kull dikjarazzjoni ta' fattura li tidentifikah bħallikieku tali dikjarazzjoni kienet ġiet iffirmata bil-kitba bl-idejn minnu stess.

6. Tista' tinħareġ dikjarazzjoni ta' fattura mill-esportatur meta l-prodotti li tkopri jiġu esportati jew wara l-esportazzjoni sakemm tiġi ppreżentata fil-pajjiż importatur mhux aktar minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li hija tkopri.

Artikolu 23

Esportatur approvat

1. L-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż li jesporta jistgħu jawtorizzaw kull esportatur, minn issa 'l quddiem imsejjaħ l-'esportatur approvat', li jagħmel kunsinni spissi ta' prodotti taħt dan il-Ftehim sabiex jagħmel dikjarazzjonijiet tal-fatturi irrispettivament mill-valur tal-prodotti konċernati. Esportatur li jkun irid din it-tip ta' awtorizzazzjoni għandu joffri, għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana, il-garanżiji kollha meħtieġa sabiex dawn jivverifikaw l-istatus ta' prodotti li joriġinaw tal-prodotti kif ukoll jivverifikaw it-twettiq tar-rekwiżiti l-oħrajn ta' dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jagħtu l-istatus ta' esportatur approvat taħt il-kundizzjonijiet kollha li jqisu xieraq.

3. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jagħtu lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoni tad-dwana li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni tal-fattura.

4. L-awtoritajiet tad-dwana għandhom jissorveljaw l-użu ta' l-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni f'kull ħin. Għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur approvat ma jkunx għadu joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jew meta jkun b'xi mod ieħor jagħmel użu ħażin mill-awtorizzazzjoni.

Artikolu 24

Validità tal-prova ta' oriġini

1. Prova ta' oriġini għandha tkun valida għal erba' xhur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż ta' esportazzjoni u, matul il-perijodu msemmi, għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' importazzjoni.

2. Il-provi ta' oriġini li huma ppreżentati lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur wara d-data finali għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu aċċettati għall-iskop li jiġi applikat trattament preferenzali, fejn in-nuqqas ta'

sottomissjoni ta' dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita jkun dovut għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

3. F'każijiet oħra ta' preżentazzjoni tard, l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur jistgħu jaċċettaw il-provi ta' oriġini fejn il-prodotti jkunu ġew sottomessi qabel id-data finali msemmija.

Artikolu 25

Sottomissjoni ta' prova ta' oriġini

Għandhom jiġu ppreżentati provi ta' oriġini lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur skond il-proċeduri applikabbli f'dak il-pajjiż. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu jitolbu traduzzjoni ta' prova ta' oriġini u jistgħu jeħtieġu wkoll li d-dikjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni mill-importatur li l-prodotti jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 26

Importazzjoni bin-nifs

Meta, fuq talba ta' l-importatur u skond il-kondizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur, prodotti żarmati jew mhux armati skond it-tifsira tar-Regola Ġenerali 2(a) tas-Sistema Armonizzata li jaqgħu taħt is-Taqsimajiet XVI u XVII, jew l-intestaturi 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, ikunu importati ftit-ftit, għandha tkun sottomessa prova ta' oriġini waħda lill-awtoritajiet tad-dwana meta tkun importata l-ewwel konsenja.

Artikolu 27

Eżenzjonijiet minn prova ta' oriġini

1. Il-prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati lil persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi għandhom jiġu ammessi bħala prodotti li joriġinaw mingħajr ma tkun meħtieġa l-preżentazzjoni ta' prova ta' l-oriġini, sakemm tali prodotti ma jkunux importati permezz tal-kummerċ u jkunu ġew iddikjarati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-Protokoll u meta ma jkun hemm l-ebda dubju dwar il-veraċità ta' tali dikjarazzjoni. Fil-każ ta' prodotti li jintbagħtu bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana CN22/CN23 jew fuq karta annessa ma' dak id-dokument.

2. Importazzjonijiet li huma fuq bażi okkażjonali u li jikkonsistu biss minn prodotti għall-użu personali ta' min jirċevihom jew tal-vjaġġaturi jew il-familji tagħhom m'għandhomx jitqiesu bħala importazzjonijiet permezz tal-kummerċ jekk ikun ċar min-natura u l-kwantita tal-prodotti li m'hemm l-ebda għan kummerċjali.

3. Aktar minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti m'għandux jaqbeż il-EUR 500 fil-każ ta' pakketti żgħar jew l-EUR 1,200 fil-każ ta' prodotti li jiffurmaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

Artikolu 28

Dokumenti ta' prova

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 17(3) u 22(3) użati għall-iskop li jagħtu prova li l-prodotti koperti b'ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew b'dikjarazzjoni ta' fattura EUR-MED, jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fl-Albanija jew f'wieħed mill-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u li jilssodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll, jistgħu jkunu magħmula, *inter alia*, minn dawn li ġejjin:

(a) evidenza diretta ta' l-ipproċessar imwettaq mill-esportatur jew mill-fornitur sabiex jikseb l-oġġetti konċernati, li jinsabu, pereżempju, fil-kontijiet tiegħu jew fiż-żamma tal-kotba interni tiegħu;

(b) dokumenti li jippruvaw l-istatus ta' oriġini tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fl-Albanija fejn dawn id-dokumenti jintużaw skond il-liġi domestika;

(c) (ċ) dokumenti li jippruvaw ix-xogħol jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Komunità jew fl-Albanija, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fl-Albanija fejn dawn id-dokumenti jintużaw skond il-liġi domestika;

(d) ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjonijiet ta' fattura li jagħtu prova ta' l-istatus tal-materjalu użati bħala materjali li joriġinaw, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fl-Albanija skond dan il-Protokoll jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji msemmija fl-Artikoli 3 u 4, skond regoli ta' oriġini li huma identiċi għar-regoli f'dan il-Protokoll.

(e) xhieda xierqa dwar ix-xogħol jew l-ipproċessar li jkun sar barra mill-Komunità jew l-Albanija bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12, li tipprova li l-ħtiġiet ta' dak l-Artikolu jkunu sodisfatti.

Artikolu 29

Preservazzjoni ta' prova ta' oriġini u dokumenti ta' sostenn

1. L-esportatur li japplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 17(3).

2. L-esportatur li jagħmel dikjarazzjoni ta' fattura għandu jżomm għal mill-inqas tliet snin kopja ta' din id-dikjarazzjoni ta' fattura kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 22(3).

3. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż esportatur li joħroġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin il-formula ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 17(2). 4.

4. L-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandhom iżommu għal mill-inqas tliet snin iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u d-dikjarazzjonijiet ta' fattura sottomessi lilhom.

Artikolu 30

Diskrepanzi u żbalji formali

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fil-prova ta' l-oriġini u dawk magħmula fid-dokumenti sottomessi lill-uffiċċju tad-dwana bl-għan tat-twettiq tal-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti m'għandhiex ipso facto tirrendi l-prova ta' l-oriġini nulla u battala jekk ikun stabbilit kif xieraq li dan id-dokument jikkorrispondi għall-prodotti sottomessi.

2. Żbalji formali ovvji bħal ma huma żbalji tat-tajpjar fuq prova ta' oriġini m'għandhomx iwasslu sabiex dan id-dokument jiġi miċħud jekk dawn l-iżbalji mhumiex tali li joħolqu dubji rigward il-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet li saru f'dan id-dokument.

Artikolu 31

Ammonti espressi f'euro

1. Għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(1)(b) u l-Artikolu 27(3), f'każijiet fejn il-prodotti huma ffaturati f'munita li mhijiex l-euro, l-ammonti fil-munita nazzjonali ta' l-Istati Membri tal-Komunità, ta' l-Albanija u tal-pajjiżi l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li huma ekwivalenti għall-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu stabbiliti kull sena minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati.

2. Kunsinna għandha tibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(1)(b) jew l-Artikolu 27(3) b'referenza għall-munita li fiha titfassal il-fattura, skond l-ammont stabbilit mill-pajjiż konċernat.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw f'kull munita nazzjonali partikolari għandhom ikunu ekwivalenti f'dik il-munita għall-ammonti espressi f'euro hekk kif kienu fl-ewwel ġurnata ta' xogħol tax-xahar ta' Ottubru. L-ammonti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej sal-15 ta' Ottubru u għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tinnotifika lill-pajjiżi kollha kkonċernati bl-ammonti rilevanti.

4. Pajjiż jista' jnaqqas jew iżid l-ammont li jirriżulta mill-kambju għall-munita nazzjonali tiegħu ta' ammont espress f'euro, sabiex jagħti ċifra għad-dritt. L-ammont mogħti għad-dritt ma jistax ikun differenti minn aktar minn 5% mill-ammont li

jirriżulta mill-iskambju. Pajjiż jista' jżomm bla ma jibdel l-ekwivalenti tal-munita nazzjonali ta' ammont espress f'euro jekk, fiż-żmien ta' l-aġġustament annwali previst fil-paragrafu 3, l-iskambju ta' dak l-ammont, qabel ma ngħata għad-dritt, jirriżulta f'zieda ta' anqas minn 15% fl-ekwivalenti tal-munita nazzjonali. L-ewkivalenti tal-munita nazzjonali tista' tinżamm bla ma tinbidel jekk il-kambju jkun jirriżulta fi tnaqqis ta' dak il-valur ekwivalenti.

5. L-ammonti espressi f'euro għandhom jiġu riveduti mill-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni fuq talba tal-Komunità jew ta' l-Albanija. Waqt li jwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni għandu jqis is-siwi li l-effetti ta' dawn il-limiti jkunu ppriżervati f'termini reali. Għal dan il-għan, jista' tiddeċiedi li jimmodifika l-ammonti espressi f'euro.

TITOLU VI

ARRANĠAMENTI GĦAL KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 32

Assistenza bejn xulxin

1. L-awtoritajiet tad-dwana ta’ l-Istati Membri tal-Komunità u ta' l-Albanija għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, eżemplari tat-timbri użati fl-uffiċċji doganali tagħhom għall-ħruġ taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1 flimkien ma’ l-indirizzi ta’ l-awtoritajiet doganali responsabbli li jivverifikaw dawn iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet ta' fattura.

2. Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni xierqa ta’ dan il-Protokoll, il-Komunità u l-Albanija għandhom jgħinu lil xulxin, permezz ta’ l-amministrazzjonijiet kompetenti tad-dwana, fil-kontroll ta’ l-awtentiċità taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew tad-dikjarazzjonijiet ta' fattura u ta' l-eżattezza tat-tagħrif mogħti f’dawn id-dokumenti.

Artikolu 33

Verifika ta' provi ta' oriġini

1. Il-verifika sussegwenti tal-provi ta' l-oriġini għandha titwettaq b'mod każwali jew kull meta l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż ta' l-importazzjoni jkollhom dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità ta' tali dokumenti, dwar l-istatus tal-prodotti konċernati bħala prodotti li joriġinaw jew dwar t-twettiq tar-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. Għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 1, l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandhom jirritornaw iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u l-fattura, jekk tkun ġiet sottomessa, id-dikjarazzjoni ta' fattura, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur filwaqt li jagħtu, fejn ikun xieraq, ir-raġunijiet għall-investigazzjoni. Kull dokument u tagħrif miksub li jissuġġerixxu li t-tagħrif mogħti fil-prova ta’ oriġini huwa żbaljat għandu jintbagħat sabiex isostni t-talba għal verifika.

3. Il-verifika għandha ssir mill-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż esportatur. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom id-dritt li jitolbu kull xhieda u li jwettqu kull spezzjoni tal-kontijiet ta' l-esportatur jew kull stħarriġ ieħor meqjus xieraq.

4. Jekk l-awtoritajiet tal-pajjiż importatur jiddeċiedu li jissospendu l-għoti ta' trattament preferenzali lill-prodotti konċernati waqt li jistennew ir-riżultati tal-verifika, għandu jiġi offrut ir-rilaxx tal-prodotti lill-importatur bla ħsara għal kull miżura prekawzjonali meqjusa bħala meħtieġa.

5. L-awtoritajiet tad-dwana li jkunu qed jitolbu l-verifika għandhom jiġu mgħarrfa bir-riżultati ta' din il-verifika kemm jista' jkun malajr. Dawn ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk id-dokumenti kkonċernati humiex awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux ikunu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità, fl-Albanija jew f'wieħed mill-pajjiżi jew mit-territorji l-oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti l-oħra ta' dan il-Protokoll.

6. Jekk f'każijiet ta' dubju raġonevoli ma jkunx hemm risposta fi żmien għaxar xhur mid-data tat-talba għal verifika jew jekk ir-risposta ma jkunx fiha tagħrif biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-awtentiċita tad-dokument in kwistjoni jew l-oriġini vera tal-prodotti, l-awtoritajiet tad-dwana li jagħmlu t-talba għandhom, minbarra f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jiċħdu l-intitolament għall-preferenzi.

Artikolu 34

Soluzzjoni tat-tilwim

Meta jinqala' tilwim li ma jistax jissolva rigward il-proċeduri ta' verifika ta' l-Artikolu 33 bejn l-awtoritajiet tad-dwana li qegħdin jitolbu verifika u l-awtoritajiet tad-dwana li huma responsabbli li jwettqu din il-verifika jew meta titqajjem mistoqsija fir-rigward ta' l-interpretazzjonu ta' dan il-Protokoll, tali tilwim għandu jiġi mressaq quddiem il-Kumitat ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Fil-każijiet kollha is-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż importatur għandu jkun skond il-leġislazzjoni tal-pajjiż imsemmi.

Artikolu 35

Penalijiet

Il-penalitajiet għandhom jiġu imposti fuq kull persuna li tfassal, jew tikkaġuna t-tfassil, ta' dokument li jkun fih tagħrif mhux korrett bil-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għal prodotti.

Artikolu 36

Żoni ħielsa

1. Il-Komunità u l-Albanija għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-prodotti negozjati taħt il-kappa ta' prova ta' oriġini li, waqt it-trasport, jużaw żona ħielsa fit-territorju tagħhom, ma jkunux sostitwiti minn prodotti oħra u ma' jsirx maniġġar tagħhom ħlief operazzjonijiet normali maħsuba biex jevitaw id-deterjorazzjoni tal-prodotti.

2. B'deroga mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fl-Albanija jiġu importati f'żona ħielsa taħt kopertura ta' prova ta' oriġini u jgħaddu minn trattament jew ipproċessar, l-awtoritajiet ikkonċernati

għandhom joħorġu ċertifikat ta' moviment EUR.1 ġdid fuq it-talba ta’ l-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċessar li għaddew minnu huwa skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

TITOLU VII

CEUTA U MELILLA

Artikolu 37

Applikazzjoni tal-Protokoll

1. It-terminu "Komunità" użat fl-Artikolu 2 ma jkoprix lil Ceuta u Melilla.

2. Prodotti li joriġinaw fl-Albanija, meta jkunu importati f'Ceuta jew Melilla, għandhom jibbenefikaw mill-istess sistema tad-dwana bħal dik applikata fuq prodotti li joriġinaw fit-territorju tad-dwana tal-Komunità skond il-Protokoll 2 ta' l-Atti ta'Adeżjoni mal-Komunità tar-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża. L-Albanija għandha tapplika, fuq il-prodotti importati taħt dan il-ftehim u li joriġinaw f'Ceuta u Melilla l-istess sistema tad-dwana bħal dik applikata fuq prodotti importati minn, u li joriġinaw, fil-Komunità.

3. Għall-għan ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 dwar prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla, dan il-Protokoll għandu japplika mutatis mutandis suġġett għall-kondizzjonijiet speċjali mniżżla fl-Artikolu 38.

Artikolu 38

Kundizzjonijiet speċjali

1. Sakemm ikunu ġew trasportati direttament skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 13, dawn li ġejja għandhom jiġu meqjusa bħala:

   (1) prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla:

      (a) prodotti miksuba kollha kemm huma f'Ċeuta u f'Melilla;

      (b) prodotti miksuba minn Ceuta u Melilla li, fil-fabbrikazzjoni tagħhom, huma użati prodotti oħra barra dawk msemmija f'(a), sakemm:

         (i) l-imsemmija prodotti għaddew minn ħidma jew ipproċessar biżżejjed skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6;

         jew

         (ii) Dawk il-prodotti li joriġinaw fl-Albanija jew fil-Komunità, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar li jmur lilhinn minn dawk l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7;

   (2) prodotti li joriġinaw fl-Albanija:

(a) prodotti miksuba kollha kemm huma fl-Albanija;

(b) prodotti miksuba fl-Albanija li, fil-manifattura tagħhom, jintużaw prodotti li mhux dawk imsemmija f'(a), sakemm:

(i) l-imsemmija prodotti għaddew minn ħidma jew ipproċessar biżżejjed skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6;

jew

(ii) dawk il-prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melilla jew fil-Komunità, sakemm ikun sarilhom xogħol jew ipproċessar li jmur lil hinn minn dawk l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7

2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

3. L-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandhom iniżżlu "Albanija" u "Ceuta u Melilla" fil-kaxxa nru 2 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet ta' fattura. Barra minn hekk, fil-każ ta' prodotti li joriġinaw f'Ceuta u Melila, dan għandu jkun indikat fil-Kaxxa 4 taċ-ċertifikat ta' moviment ta' l-EUR.1 jew fuq id-dikjarazzjonijiet ta' fattura.

4. L-awtoritajiet tad-dwana Spanjoli għandhom ikunu responsabbli għall-applikazzjoni tal-Protokoll f'Ceuta u Melilla.

TITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 39

Emendi għall-Protokoll

Il-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jemenda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll.

Anness I

Noti introduttorji għal-lista fl-Anness II

NOTA 1

Il-lista tistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha li għandhom ikunu ikkunsidrati bħala suffeċjentament maħduma jew ipproċessati skond it-tifsira ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll.

NOTA 2

2.1. L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddeskrivu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru ta' l-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni ta' merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew dak il-kapitolu. Għal kull daħla fl-ewwel żewġ kolonni hemm speċifikata regola fil-kolonna 3 jew 4. Fejn, f'xi każijiet, id-daħla fl-ewwel kolonna hija ppreċeduta minn "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.

2.2. Meta diversi numri ta' intestatura ikunu miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew meta jingħata numru ta' kapitolu u għalhekk id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, fis-Sistema Armonizzata, huma kklassifikati taħt l-intestaturi tal-kapitolu jew f'xi waħda mill-intestaturi miġbura flimkien fil-kolonna 1.

2.3. Fejn hemm regoli differenti fil-lista li japplikaw għal prodotti differenti f'intestatura, kull inċiż ikun fih d-deskrizzjoni ta' dik il-parti ta' l-intestatura koperta mir-regoli ta' ħdejha fil-kolonna 3 jew 4.

2.4. Fejn, għal dħul fl-ewwel żewġ kolonni, hija speċifikata regola fiż-żewġ kolonni 3 u 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplika jew ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik dikjarata fil-kolonna 4. Jekk ma tingħata l-ebda regola ta' oriġini fil-kolonna 4, għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

NOTA 3

3.1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tal-Protokoll, dwar prodotti li jkunu kisbu status ta' oriġini li huma użati fil-manifattura ta' prodotti oħra, għandhom japplikaw irrispettivament minn jekk l-istatus inkiseb fil-fabbrika fejn jintużaw dawn il-prodotti jew f'fabbrika oħra f'parti kontraenti.

Eżempju:

Magna taħt l-intestatura 8407, li għaliha r-regola tgħid li l-valur tal-materjali li ma joriġinawx li jistgħu jkunu nkorporati ma jistgħax ikun aktar minn 40% tal-prezz

mill-fabbrika, hija magħmula minn “liga ta’ l-azzar oħra, iffurmata bejn wieħed u ieħor fil-forġa” taħt l-intestatura ex7224.

Jekk dan ix-xogħol tal-forġa jkun sar fil-Komunità minn ingott li ma joriġinax, tkun diġà akkwistat status ta’ oriġini permezz tar-regola ta’ l-intestatura ex 7224 fil-lista. Ix-xogħol tal-forġa, b’hekk, ikun jista’ jitqies bħala li joriġina fil-kalkulazzjoni tal-valur tal-magna, mingħajr ma jingħata każ jekk kienitx prodotta fl-istess fabrika jew f’xi fabbrika oħra fil-Komunità. Il-valur ta’ l-ingott li ma joriġinax, għalhekk, ma jitqiesx waqt l-għadd tal-valur tal-materjali li ma joriġinawx użati.

3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu tax-xogħol jew ta’ l-ipproċessar meħtieġ u t-twettiq ta' aktar xogħol jew ipproċessar ukoll jikkonferixxi l-istatus oriġinarju; min-naħa l-oħra, jekk isir anqas xogħol jew ipproċessar ma jkunx jista’ jingħata status ta’ oriġini. B’hekk, jekk xi regola tipprovdi li materjal li ma joriġinax jista’ jintuża f’ċertu stadju tal-manifattura, l-użu ta’ tali materjal fi stadju preċedenti huwa permess waqt li l-użu ta’ tali materjal fi stadju sussegwenti ma huwiex permess.

3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2, meta regola tuża l-espressjoni “Manifattura mill-materjali ta’ kwalunkwe intestatura”, allura jistgħu jintużaw materjali ta’ kwalunkwe intestatura (anki materjali ta’ l-istess deskrizzjoni u intestatura bħal prodott) , soġġetti, minkejja dan, għal kwalunkwe limitu speċifiku li jista’ jinsab ukoll fir-regola.

Madankollu, l-espressjoni “Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-intestatura ...” jew “Manifattura minn materjali ta’ kwalunkwe intestatura, inklużi materjali oħra taħt l-istess intestatura tal-prodott” tfisser li jistgħu jintużaw materjali ta’ kwalunkwe intestatura, ħlief dawk bl-istess deskrizzjoni tal-prodott kif tidher fil-kolonna 2 tal-lista.

3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista’ jiġi manifatturat minn aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jista’ jintuża materjal wieħed jew aktar. Ma jistipulax li jridu jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola dwar tessuti taħt l-intestaturi 5208 sa 5212 tipprovdi li jistgħu jintużaw fibri naturali u li materjali kimiċi, fost affarijiet oħra, jistgħu jintużaw. Dan ma jfissirx li jridu jintużaw it-tnejn; jista’ jintuża wieħed jew l-ieħor, jew it-tnejn.

3.5. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista’ jiġi manifatturat minn materjal partikolari, il-kondizzjoni ovvjament ma tipprojbix l-użu ta’ materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom, ma jistgħux jissodisfaw ir-regola. (Ara wkoll in-Nota 6.2 fir-rigward tat-tessuti).

Eżempju:

Ir-regola dwar ikel ippreparat taħt l-intestatura 1904, li teskludi speċifikament l-użu taċ-ċereali jew materjal derivat minnhom, ma timpedix l-użu ta’ melħ minerali, kimiċi u addittivi oħra li ma humiex prodotti miċ-ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux jiġu fabbrikati minn materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġu prodotti minn materjal ta' l-istess natura fi stadju aktar kmieni ta' fabbrikazzjoni.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett ta' lbies taħt l-ex Kapitlu 62 magħmul minn materjali mhux minsuġa, jekk huwa permess l-użu biss ta' ħjut mibruma li ma joriġinawx għal din il-klassi ta' oġġett, mhux possibbli li tibda minn drapp mhux minsuġ - anki jekk drappijiet mhux minsuġa ma jistgħux, normalment, isiru minn dawn il-ħjut mibruma. F'każijiet bħal dawn, il-materjal tal-bidu, normalment, ikun l-istadju ta' qabel il-ħjut mibruma, jiġifieri l-istadju ta' fibri.

3.6. Meta. fir-regola fil-lista, tnejn jew aktar perċentwali jingħataw għall-valur massimu tal-materjali mhux oriġinarju li jistgħu jintużaw, allura dawn il-perċentwali ma jistgħux jingħaddu flimkien. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali li ma joriġinawx qatt ma jista' jaqbeż l-għola wieħed mill-perċentwali murija. Barra minn hekk, il-perċentwali individwali ma jistgħux jinqabżu fir- rigward tal-meterjali partikolari li japplikaw għalihom.

NOTA 4

4.1. It-termini "fibri naturali" huwa użat fil-lista sabiex jirreferi għal fibri minbarra fibri artifiċjali jew sintetiċi. Huwa ristrett għall-istadju ta' qabel ma jsir il-brim, jinkludi l-iskart u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri naturali li kienu mqardxa, mimxuta jew ipproċessati b'xi mod ieħor iżda mhux mibruma.

4.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi xahar taż-żiemel skond l-intestatura 0503, ħarir skond l-intestaturi 5002 u 5003 kif ukoll fibri tas-suf u suf ta' l-annimali fin jew oħxon skond l-intestaturi 5101 sa 5105, fibri tal-qoton skond l-intestaturi 5201 sa 5203 u fibri veġetali oħra skond l-intestaturi 5301 sa 5305.

4.3. It-termini "polpa tat-tessuti", "materjali kimiċi" u "materjal li minnu ssir il-karta" jintużaw f'din il-lista sabiex jiddeskrivu l-materjali, li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' fibri jew ta' ħjut mibruma artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.

4.4. It-terminu "fibri diskontinwi magħmula mill-bniedem" jintuża fil-lista sabiex jirreferi għal stoppa forma ta' filamenti sintetika jew artifiċjali, fibri bażiċi jew skart, skond l-intestaturi 5501 sa 5507.

NOTA 5

5.1. Meta, għal prodott partikolari fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 ma għandhomx ikunu applikati għal kwalunkwe materjal ta' tessuti bażiċi użat fil-manifattura ta' dan il-prodott u li, meta meħudin flimkien, jirrappreżentaw 10 % jew anqas tal-piż totali tal-materjali ta' tessuti bażiċi kollha użati. (Ara wkoll in-Noti 5.3 u 5.4 hawn taħt.)

5.2. Minkejja dan, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1 tista tkun applikata biss għal prodotti mħallta li jkunu nħadmu minn żewġ materjali tessili bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali bażiċi tat-tessuti:

- il-ħarir,
- suf
- xagħar rozz ta' l-annimali,
- xagħar fin ta' l-annimali,
- xagħar iż-żiemel,
- qoton,
- materjali għall-manifattura tal-karta u l-karta,
- flax
- qanneb veru,
- ġuta u fibri oħrajn tal-qanneb tat-tessuti,
- sisa u fibri oħrajn tat-tessuti tal-ġenus Agave,
- ġewż ta' l-indi, abaka, rami u fibri veġetali oħrajn tat-tessuti,
- filamenti sintetiċi magħmula mill-bniedem,
- filamenti artifiċjali magħmula mill-bniedem,
- filamenti konduttivi tal-kurrent elettriku,
- fibri diskontinwi sintetiċi magħmula mill-bniedem, tal-
- fibri diskontinwi sintetiċi magħmula mill-bniedem, tal-polyester
- fibri diskontinwi sintetiċi magħmula mill-bniedem,tal-,
- fibri diskontinwi sintetiċi magħmula mill-bniedem, tal-,
- fibri diskontinwi sintetiċi magħmula mill-bniedem, tal-,
- fibri diskontinwi sintetiċi magħmula mill-bniedem, tal-,
- fibri diskontinwi sintetiċi magħmulin mill-bniedem,tal-,
- fibri diskontinwi sintetiċi magħmulin mill-bniedem, tal-poly(vinyl chloride),
- fibri diskontinwi sintetiċi oħrajn magħmula mill-bniedem,
- fibri diskontinwi artifiċjali magħmula mill-bniedem, tal-visk,

- fibri diskontinwi artifiċjali oħrajn magħmula mill-bniedem,

- ħjut mibruma tal-polyurethane segmentati b'segmenti flessibbli tal-polyether kemm jekk b'wajer ġo fihom kif ukoll jekk le.

- ħjut mibruma tal-polyurethane segmentati b'segmenti flessibbli tal-polyester kemm jekk b'wajer ġo fihom kif ukoll jekk le.

- prodotti ta' l-intestatura 5605 (ħjut mibruma tal-metall) li jinkorporaw strixxi li jikkonsistu f'qalba ta' fojl ta' l-aluminju jew qalba rqiqa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab ta' l-aluminju jew le, b'wisa' ta' mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ saffi rqaq tal-plastik permezz ta' kolla trasparenti jew ikkulurita.

- prodotti oħra ta' l-intestatura 5605.

Eżempju:

Ħjut mibruma, ta' l-intestatura 5205, magħmula minn fibri tal-qoton ta' l-intestatura 5203 u fibri bażiċi sintetiċi ta' l-intestatura 5506 huma ħjut mibruma mħallta. Għalhekk, fibri bażiċi sintetiċi li ma joriġinawx u ma jissodisfawx ir-regoli dwar l-oriġini (li jitolbu manifattura minn materjali kimiċi jew għaġna għat-tessuti) jistgħu jintużaw, sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10% tal-piż totali tal-ħjut mibruma.

Eżempju:

Tessut tas-suf, ta' l-intestatura 5112, magħmul minn ħjut mibruma tas-suf ta' l-intestatura 5107 u ħjut mibruma sintetiċi ta' fibri bażiċi ta' l-intestatura 5509 huwa tessut imħallat. Għalhekk, ħjut mibruma sintetiċi li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jitolbu manifattura minn materjali kimiċi jew għaġna għat-tessuti), jew ħjut mibruma tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jitolbu manifattura minn fibri naturali li ma jkunux mqardxa, mimxuta jew ippreparati għall-brim b'xi mod ieħor), jew kombinament tat-tnejn, jistgħu jintużaw sakemm il-piż totali tagħhom ma jkunx aktar minn 10% tal-piż totali tat-tessut.

Eżempju:

Tessut minsuġ bil-pil, ta' l-intestatura 5802, magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton ta' l-intestatura 5205 u tessut tal-qoton ta' l-intestatura 5219, ikun prodott imħallat biss jekk it-tessut tal-qoton innifsu huwa tessut imħallat magħmul minn ħjut mibruma kklassifikati taħt żewġ intestaturi separati, jew jekk il-ħjut mibruma tal-qoton huma taħlita huma stess.

Eżempju:

Jekk it-tessut minsuġ bil-pil ikkonċernat kien magħmul minn ħjut mibruma tal-qoton ta' l-intestatura 5205 u tessut sintetiku ta' l-intestatura 5407, allura, ovvjamant, il-ħjut mibruma użati huma żewġ materjali tat-tessuti bażiċi separati u t-tessut minsuġ bil-pil huwa, għalhekk, prodott imħallat.

5.3. Fil-każ ta’ prodotti li jinkorporaw “ħjut mibruma tal-polyurethane segmentati b’segmenti flessibbli tal-polyether, kemm jekk b’wajer ġo fihom kif ukoll jekk le”, din it-tolleranza hija ta’ 20% fir-rigward ta’ dawn il-ħjut mibruma.

5.4. Fil-każ ta’ prodotti li jinkorporaw “strixxa li tikkonsisti f’qalba ta’ fojl ta’ l-aluminju jew qalba rqiqa tal-plastik, kemm jekk miksija bit-trab ta’ l-aluminju jew le, b’wisa’ ta’ mhux aktar minn 5 mm, maqbuda bejn żewġ saffi rqaq tal-plastik permezz ta’ kolla trasparenti jew ikkulurita”, din it-tolleranza hija ta’ 30% fir-rigward ta’ din l-istrixxa.

NOTA 6

6.1. Meta, fil-lista, issir referenza għal din in-Nota, jistgħu jintużaw materjali ta' tessuti (minbarra inforri u materjal użat bejn id-drapp u l-inforra) li ma jissodisfawx ir-regola stabbilita fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodott preparat konċernat, sakemm ikunu kklassifikati f'intestatura oħra minbarra dik tal-prodott u sakemm il-valur tagħhom ma jaqbiżx it-8 % tal-prezz ex-fabbrika tal-prodott.

6.2. Mingħajr preġudizzji għan-Nota 6.3, materjali li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw liberament fil-manifattura tal-prodotti tat-tessuti kenmm jekk ikun fihom it-tessuti kif ukoll jekk le.

Eżempju:

Jekk xi regola fil-lista tipprovdi li, għal xi oġġett partikolari tat-tessuti (per eż. qalziet) għandhom jintużaw il-ħjut mibruma, dan ma jimpedixxix l-użu ta' oġġetti tal-metall, għax il-buttuni ma humiex ikklassifikati fil-Kapitli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, ma timpedixxix l-użu ta' żippijiet, għalsew iż-żippijiet normalment ikun fihom it-tessuti.

6.3. Fejn tapplika r-regola tal-persentaġġi, il-valur tal-materjali li mhumiex ikklassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-valur tal-materjali inkorporati li mhumiex oriġinarji.

NOTA 7

7.1. Għall-għanijiet ta' l-intestaturi ex2707, 2713 sa 2175, ex 2901, ex 2902 u ex 3403. il-“proċessi speċifiċi” huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni bil-vakwu;

(b) distillazzjni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet;

(c) cracking

(d) reforma

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidride sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur u purifikazzjoni b'naturally acive earth, activated earth, faħam tal-kannol jew boksajt attivati;

(g) polimerizzazzjoni

(h) Alkilazzjoni;

(i) iżomerizzazzjoni.

7.2. Għall-għanijiet ta' l-intestaturi 2710, 2711 u 2712, il-"proċessi speċifiċi" huma dawn li ġejjin:

(a) distillazzjoni bil-vakwu;

(b) distillazzjni mill-ġdid bi proċess metikoluż ta' taqsim fi frazzjonijiet;

(c) cracking

(d) reforma

(e) estrazzjoni permezz ta' solventi selettivi;

(f) il-proċess li jinkludi l-operazzjonijiet kollha li ġejjin: ipproċessar b'aċidu sulfuriku kkonċentrat, oleu jew anidride sulfurika; newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini; tneħħija tal-kulur u purifikazzjoni b'naturally acive earth, activated earth, faħam tal-kannol jew boksajt attivati;

(g) polimerizzazzjoni

(h) Alkilazzjoni;

(ij) isomerizzazzjoni;

(k) fir-rigward ta' żjut ħoxnin ta' l-intestatura ex2710 biss, eliminazzjoni tal-kubrit bl-idroġenu, li jirriżulta fi tnaqqis ta' mill-anqas 85% tal-kontenut ta' kubrit mill-prodotti pproċessati (il-metodu ASTM D 1266-59 T);

(l) fir-rigward tal-prodotti ta' l-intestatura 2710 biss, separazzjoni tal-paraffin b'mezz li mhuwiex filtrazzjoni;

(m) fir-rigward ta' żjut tqal ta' l-intestatura ex 2710 biss, trattament bl-idroġenu bi pressjoni ta' aktar minn 20 bar u b'temperatura ta' aktar minn 250 °C bl-użu ta' katalist, ħlief sabiex jitneħħa l-kubrit, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. Madankollu, it-trattament ulterjuri, bl-idroġenu, taż-żjut lubrikaturi ta' l-intestatura ex2710 (per eż. hydrofinishing jew decolourisation) sabiex, b'mod speċjali, jitjieb il-kulur jew isir aktar stabbli, ma jitqiesx bħala proċess speċifiku;

(n) fir-rigward ta’ żjut karburanti ta’ l-intestatura ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, sakemm anqas minn 30 % ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, f'300 °C, permezz tal-metodu ASTM D 86;

(o) fir-rigward ta' żjut ħoxnin li mhumiex nafta u żjut fjuwil ta' l-intestatura ex2710 biss, trattament permezz ta' brush-discharge elettrika bi frekwenza għolja;

(p) fir-rigward ta' prodotti mhux irfinati (minbarra petroleum jelly, ożoċerit, xama' tal-linjite, xama' tal-pit, xama' bajda li fiha mil-lat ta' piż anqas minn 0.75 % ta' żejt) ta' l-intestatura ex 2712 biss, it-tneħħija ta' żejt permezz tal-kristallizzazzjoni frazzjonali.

7.3. Għall-iskopijiet ta' l-intestaturi ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi, bħal tindif, tferriegħ, tneħħija ta' l-imluħa, separazzjoni ta' l-ilma, filtering, l-għoti ta' kulur, immarkar, il-kisba ta' kontenut ta' kubrit bħala riżultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenuti differenti ta' kubrit, jew kwalunkwe taħlita ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili, ma jikkonferixxux oriġini.

Anness 2

List ta' ħidma jew ipproċessar li huwa meħtieġ li jsir fuq materjali li m'għandhomx l-oriġini sabiex il-prodott manifatturat ikun jista' jikseb l-istatus ta' prodott li joriġina

Il-prodotti msemmija fil-lista jistgħu ma jkunux koperti kollha mill-Ftehim. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu kkonsultati partijiet oħra tal-Ftehim.

Intestatura HS	**Deskrizzjoni tal-prodott**	**xogħol jew ipproċessar li sar fuq materjali li ma joriġinawx, li jagħtihom status ta' oriġini**	
(1)	**(2)**	**(3)**	**jew** **(4)**
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitlu 1 għandhom ikunu miksuba kollha kemm huma	
Kapitolu 2	Laħam u ġewwieni li jittiekel	Manifattura fejn il-materjali tal-Kapitli 1 u 2 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
Kapitolu 3	Ħut u krustaċji, molluski u invertebrati akwatiċi oħra.	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 3 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
ex Kapitolu 4 0403	Prodotti tal-ħalib; bajd ta' l-għasafar; għasel naturali; prodotti li jittieklu miksuba mill-annimali li mhux speċifikati x'imkien ieħor; minbarra: Xorrox tal-butir, ħalib u krema mbaqqta, jogurt, kephir u ħalib u krema iffermentati jew aċidifikati, kemm jekk ikkonċentrati jew le jew li jkun fihom iz-zokkor miżjud jew xi Oħrajnħelwa jew imħawra jew li jkun fihom frott, lewż jew il-kawkaw:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 4 użati jkunu miksuba kollha kemm huma Manifattura fejn: - il-materjali kollha tal-Kapitlu 4 użati jkunu miksuba kollha kemm huma, - il-meraq tal-frott kollu (minbarra dak ta' l-ananas, tal-lajm jew tat-tronġa) ta' l-intestatura 2009 jkun joriġina, u - il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30% tal-prezz tal-prodott ex-works.	
ex Kapitolu 5 ex 0502	Prodotti miksuba mill-annimali u li ma humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor; minbarra: Lanżit u suf tal-qażquż, ħanżir jew ċingjal preparati	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 5 użati jkunu miksuba kollha kemm huma Tindif, disinfezzjoni, għażla, u ddrittar tal-lanżit u s-suf	

Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u bħalhom; fjuri maqtugħin u weraq ornamentali	Manifattura fejn: - il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati jkunu kompletament miksuba, u - il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50% tal-prezz tal-prodott ex- works	
Kapitolu 7	Ħaxix li jittiekel u ċerti għeruq u tuberi	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 7 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
Kapitolu 8	Frott u lewż li jittiekel; qxur taċ-ċitru jew bettiegħ	Manifattura fejn: - il-frott u l-ġewż kollha użati ikunu kompletament miksuba, u - il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jkunux jaqbżu it-30% tal-valur tal-prezz tal-prodott ex-works.	
ex Kapitolu 9 0901 0902 ex 0910	Kafè, te, te tal-Paragwaj u ħwawar; minbarra: Kafè, sew jekk inkaljat sew jekk dekaffeinat; qxur u fosdoq tal-kafe; sostituti għall-kafè li jkun fihom kwalunkwe proporzjon ta' kafè Te, kemm jekk b'xi togħma u kemm jekk le Taħlita ta' ħwawar	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 9 użati jkunu miksuba kollha kemm huma Manifattura minn materjali ta' kull intestatura Manifattura minn materjali ta' kull intestatura Manifattura minn materjali ta' kull intestatura	
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 10 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
ex Kapitolu 11 ex 1106	Prodotti ta' l-industrija tat-tħin; malt; lamti; inulina; glutina tal-qamħ; minbarra: Dqiq, dqiq oħxon u trab tal-ħaxix tal-legumi ta' l-intestatura 0713 imqaxxar u mnixxef	Manifattura fejn iċ-ċereali, ħaxix li jittiekel, għeruq u tuberi kollha ta' l-intestatura 0714 jew il-frott użat huma miksuba kollha kemm huma Tnixxif u tħin tal-ħaxix tal-legumi ta' l-intestatura 0708	
Kapitolu 12	Żrieragħ li jagħtu ż-żejt, frott li fih iż-żejt; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali jew mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 12 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
1301	Il-gommalakka; gomom naturali, rażi, rażi tal-gomma u oleoreżini (per eżempju, balzmi)	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha ta' l-intestatura 1301 użati ma jkunx aktar minn 50 % tal-prezz tal-prodott mill-fabbrika	

1302	Meraq jew estratti tal-ħxejjex; sustanzi pektiċi, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu oħra, kemm jekk immodifikati jew le, derivati minn prodotti tal-ħxejjex:		
	- Muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu , nmodifikati, li jinkisbu minn prodotti tal-ħxejjex:	Manifattura minn muċilaġni u sustanzi li jgħaqqdu mhux modifikati	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha użati ma jaqbiżx il-50 % tal-prezz ex-works tal-prodott	
Kapitolu 14	Materjali veġetali għat-trizza; prodotti tal-ħxejjex li ma humiex speċifikati jew inklużi x'imkien ieħor:	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 14 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
ex Kapitolu 15	Xaħmijiet u żjut ta' annimali jew ħxejjex u prodotti mill-qsim tagħhom; xaħmijiet li jittieklu preparati; xema' mill-annimali jew il-pjant; minbarra:	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura, minbarra dik tal-prodott	
1501	Xaħam tal-majjal (inkluż l-ardu) u xaħam tat-tjur, li mhux dak ta' l-intestaturi 0209 jew 1503:		
	- Xaħmijiet minn għadam jew minn iskart	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk ta' l-intestaturi 0203, 0206 jew 0207 jew l-għadam ta' l-intestatura 0506	
	- Oħrajn	Manifattura mill-laħam jew il-ġewwieni jittiekel tal-majjali ta' l-intestaturi 0203 jew 0206 jew tal-laħam jew il-ġewwieni jittiekel tat-tjur ta' l-intestatura 0207	
1502	Xaħmijiet ta' l-annimali ta' l-ifrat, nagħaġ jew mogħoż, li mhux dawk ta' l-intestatura 1503		
	- Xaħmijiet minn għadam jew minn iskart	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura, ħlief dawk ta' l-intestaturi 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew l-għadam ta' l-intestatura 0506	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 2 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
1504	Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew ta' mammiferi marini, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament:		
	- Frazzjonijiet solidi	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura inklużi materjali oħra ta' l-intestatura 1504	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali tal-Kapitli 2 u 3 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	

ex 1505	Lanolina rfinuta	Manifattura minn grass tas-suf mhux maħdum ta' l-intestatura 1505	
1506	Xaħmijiet u żjut, u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk irfinuti kif ukoll jekk mhumiex iżda mhux modifikati kimikament		
	- Frazzjonijiet solidi	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura inklużi materjali oħra ta' l-intestatura 1506	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 2 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
1507 to 1515	Żjut veġetali u l-frazzjonijiet tagħhom:		
	- Żejt tas-soja, tal-karawett, tal-palm, tal-kopra, ta' l-għadma tal-palm, tal-babassu, tat-tung u ta' l-oitiċika, xama' tar-riħana u xama' tal-Ġappun, frazzjonijiet taż-żejt ta' tal-ġoġoba u żjut għal użi tekniċi jew industrjali barra mill-manifattura ta' prodotti ta' l-ikel għall-konsum tal-bniedem	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura, minbarra dik tal-prodott	
	- Frazzjonijiet solidi, ħlief dawk taż-żejt tal-jojoba	Manifattura minn materjali ta' l-intestaturi 1507 sa 1515	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali vegetali kollha użati jkunu miksuba kollha kemm huma	
1516	Xaħmijiet u żjut ta' l-annimali jew tal-ħxejjex u l-frazzjonijiet tagħhom, idroġenizzati parzjalment jew kompletament, inter-esterified, re-esterified or elaidinised, kemm jekk irfinuti u kemm jekk le, iżda mhux preparati aktar	Manifattura fejn: - il-materjali kollha tal-Kapitolu 2 użati jkunu kompletament miksuba, u - il-materjali tal-ħxejjex kollha użati jkunu kompletament miksuba. Minkejja dan, materjali ta' l-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparati li jittieklu ta' xaħmijiet jew żjut ta' l-annimali jew ħxejjex jew frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-Kapitlu, li ma humiex xaħmijiet jew żjut li jittiekli ta' l-intestatura 1516 jew frazzjonijiet tagħhom	Manifattura fejn: - il-materjali kollha tal-Kapitoli 2 u 4 użati jkunu kompletament miksuba, u - il-materjali tal-ħxejjex kollha użati jkunu kompletament miksuba. Minkejja dan, materjali ta' l-intestaturi 1507, 1508, 1511 u 1513 jistgħu jintużaw	
Kapitolu 16	Preparati ta' laħam, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akwatiċi oħra	Manifattura : - Minn annimali tal-Kapitlu 1 u/jew - fejn il-materjali kollha tal-Kapitlu 3 użati jkunu miksuba kollha kemm huma	

ex Kapitolu 17	Zokkor u ħlewwiet; minbarra:	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura, minbarra dik tal-prodott	
ex 1701	Zokkor tal-kannamieli u tal-pitravi u sucrose pur kimikalment, f'forma solida, b'sustanxi tat-togħma u l-kulur miżjuda	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitlu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz ex works tal-prodott	
1702	Zokkor ieħor, inkluż lattożju, maltożju, glukożju u fruttożju kimikament pur, f'forma solida; ġuleppijiet taz-zokkor li ma jkunx fihom materja sabiex jagħti togħma jew kulur miżjuda; għasel artifiċjali sew jekk mħallat ma' l-għasel naturali kif ukoll jekk le; karamella:		
	- Maltosju u fructose kimikalment puri	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura inklużi materjali oħra ta' l-intestatura 1702	
	- Zokkor ieħor f'forma solida, b'sustanzi ta' togħma jew kulur miżjuda	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitlu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz ex works tal-prodott	
	- Oħrajn	Manifattura fejn il-materjali kollha użati joriġinaw	
ex 1703	Għasel iswed miksub mill-estrazzjoni jew ir-raffinar ta' zokkor li jkun fih sustanzi ta' togħma jew kulur miżjuda	Manifattura fejn il-valur tal-materjali kollha tal-Kapitlu 17 użati ma jkunx aktar minn 30 % tal-prezz ex works tal-prodott	
1704	Prodotti tal-ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda) li ma fihomx kawkaw:	Manifattura : - minn materjali ta' kull intestatura minbarra dik tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30% tal-prezz tal-prodott ex-works.	
Kapitolu 18	Kawkaw u preparati mill-kawkaw	Manifattura : - minn materjali ta' kull intestatura minbarra dik tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30% tal-prezz tal-prodott ex-works.	

1901	Estratt tax-xgħir; preparati ta' ikel tad-dqiq, ħafur, pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li jkunx fihomx kawkaw jew li fihom anqas minn 40 %, bil-piż, kawkaw ikkalkulat fuq bażi kompletament bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; preparati ta' l-ikel tal-prodotti ta' l-intestaturi 0401 sa 0404, li ma fihomx kawkaw jew li fihom anqas minn 5 %, bil-piż, kawkaw ikkalkulat kompletament bla xaħam, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:		
	- Estratt tax-xgħir	Manifattura miċ-ċereali tal-Kapitlu 10	
	- Oħrajn	Manifattura : - minn materjali ta' kull intestatura minbarra dik tal-prodott, u - li fiha l-valur tal-materjali kollha tal-Kapitolu 17 użati ma jaqbżux it-30% tal-prezz tal-prodott ex-works.	
